# DAWL FRANĠISKAN

GĦADD 416 | JANNAR 2022 | IT-42 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

NEWSPAPER POST ISSN 1811-5373



ĦADD M'GĦANDU
D-DRITT LI JOQTOL
TARBIJA INNOĊENTI FIL-ĠUF

# WERREJ


3 **Abortion in Malta? Not in my name!**
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

7 **Is-7 sinjali skont l-Evanġelista San Ġwann**
MONS. LAWRENZ SCIBERRAS

11 **L-Evanġelju fl-Afrika**
FR HILARY ABELA OFMCap

14 **Xandru Farrugia, familtu u xogħlijiet artistiċi (L-1 Parti)**
JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)

16 **Il-qilla tal-gwerra fuq Għawdex 1940-1943**
KAV. JOE M. ATTARD

19 **Il-preżenza tiegħi patri Kapuċċin fit-Turkija 1991-1993**
FR JOE GRIXTI OFMCap

22 **Aħwa li daħlu fil-ħajja ta' dejjem**
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

29 **Tiżjin bi ħsieb attwali**
FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap

30 **Mid-djarju tal-Kapuċċini Maltin - Aħbarijiet tal-provinċja**
BR MIGUEL ZAMMIT OFMCap SEGRETARJU PROVINĊJALI

32 **Il-knisja b'għajnuna lill-immigranti... u lin-nies fil-bżonn**
FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap

34 **Sant'Ambroġ u ċ-Ċanga Milanese**
FR PAUL BUGEJA OFMCap

35 **Kompetizzjonijiet**
FR WISTIN ATTARD OFMCap





## ĦSIEB TAL-FAĊĊATA

L-abort huwa dnub kontra s-7 kmandament ta' Alla: "LA TISRAQX". Huwa serq lis-soċjetà li qatt ma tista' troddu lura biex jinħafer.



## Bord Editorjali


**Editur**
Fr Philip Cutajar OFMCap

**Amministratur**
Dorian Holland OFS

**Distributur Malta**
Alfred Ebejer

**Distributur Għawdex**
Pierre E. Buttigieg OFS

**Membri**
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - A.Flame



**Direzzjoni u Amministrazzjoni**
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

**Telefown:** 2123 3874,
2122 5525,
2123 4949

**Imejl:** dawlfrangiskan@gmail.com

**IISN 1811-5373**

**Disinn u Stampar:**
Best Print Co. Ltd
**Telefown:** 2168 0789



**© Dawl Franġiskan 2022**



**Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini**

**Ħlas tal-Abbonament:**
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:
Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

FR PHILIP CUTAJAR OFMCap



# Abortion in Malta? Not in my name!

Fl-aħħar editorjal, dak ta' Diċembru 2021, kont ktibt li min jagħmel abort ikun qed jikser tlieta mill-għaxar kmandamenti ta' Alla. Għal tliet darbiet ikun qed imur kontra dak li Alla jrid minn kull maħluq, il-kmandamenti tiegħu li huma minquxa fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minna bħala liġi naturali li tmexxina lejn il-verità sħiħa u tħares il-ħajja tagħna u dik tal-oħrajn.

Diġà fl-aħħar editorjal ktibt dwar kif bl-abort inkunu qed immorru kontra l-ewwel kmandament ta' Alla: "Jiena hu l-Mulej, Alla tiegħek... ma jkollokx allat oħra għajri..." (Eżodu 20, 2). Għedna li min jagħmel l-abort, jipparteċipa fl-abort jew huwa favur l-abort, minbarra li huwa favur il-kultura tal-mewt ikun ukoll qiegħed mhux biss joħloq allat oħra minbarra Alla, il-Mulej ta' Ġesù Kristu, imma jkun qed jagħmel lilu nnifsu alla. Il-bniedem favur l-abort ikun qed jgħix forma ta' ateiżmu, għax ikun qed jagħmel lilu nnifsu daqs u aktar minn Alla, billi jiddeċiedi hu x'inhu tajjeb jew ħażin. Sejjaħnielu 'd-dnub ta' Adam u Eva' – dawn wettqu d-dnub mhux biss għax kisru l-kmand ta' Alla imma, wisq agħar, għax emmnu aktar il-gidba tax-xitan milli l-Kelma ta' Alla. Dak li hu ħażin u Alla ma jridux il-bniedem jasal biex jgħid mhux biss li huwa tajjeb imma li huwa 'dritt' – 'dritt tal-mara' li tieħu l-liġi ta' Alla b'idejha u tagħmel dak li trid hi u mhux dak li Alla jrid li jseħħ minn kull maħluq.

## Is-seba' kmandament – la tisraqx

Illum, f'dan l-editorjal tiegħi, ser nikteb dwar kmandament ieħor li jinkiser minn min jwettaq l-abort. Huwa s-7 kmandament: LA TISRAQX. Kull mara li ssir omm u toqtol f'ġufha lit-tarbija tagħha tkun qed tisraq lid-dinja, lis-soċjetà mhux biss mill-preżenza ta' dik il-ħlejqa ta' Alla imma wkoll mill-ġid li dik it-tarbija, meta tikber, ladarba tiġi edukata u ffurmata tajjeb, tista' tagħti lill-umanità.

Ser nikteb dwar 5 ommijiet li għaddew minn esperjenzi iebsa u kienu ser iwettqu abort imma m'għamluhx. Naraw ftit x'kien jiġri li kieku dawn il-5 nisa wettqu abort u qatlu t-tarbija li kellhom fil-ġuf.

## 1. Celine Dion



Ilkoll kemm aħna smajna b'din il-kantanta Kanadiża famuża. Hija ferm magħrufa għall-qawwa tal-vuċi tagħha flimkien mal-kapaċità li tippossiedi biex tagħti pjaċir lil kull min jismagħha tkanta. Mhux biss; hija wkoll magħrufa u apprezzata għall-karattru ħelu u l-qalb tajba tagħha. Allavolja llum armla, u minn dejjem xtaqet li jkollha familja numeruża bħall-ġenituri tagħha, imma kellha biss tlett itfal, li tiddedika ħajjitha għalihom.

Hija twieldet fit-30 ta' Marzu tas-sena 1968, jiġifieri llum għandha 54 sena. Il-ġenituri tagħha diġà kellhom 13-il wild! Hija kienet l-14-il tarbija li kienet ġejja fid-dinja. Minħabba f'hekk ommha kienet qed taħsibha bis-serjetà sabiex tagħmel abort. Immaġinaw id-dinja, speċjalment dik tal-mużika, mingħajr din il-kantanta ċelebri, Celine Dion. Li kieku ommha wettqet il-ħsieb tal-abort li kien qed iberren f'moħħha, kieku llum m'għandniex lil Celine Dion. F'dan is-sens l-abort huwa serq, imur kontra l-kmandament ta' Alla "La tisraqx". Kien ikun serq mid-dinja, mis-soċjetà.

## 2. Andrea Bocelli

It-tieni personaġġ li nixtieq nikteb dwaru huwa kantant ieħor ta' fama internazzjonali. Qed nirreferi għal Andrea Bocelli. Kantant, tenur, kapaċi jdoqq diversi strumenti mużikali, u twieled l-Italja fit-2 ta' Settembru tas-sena 1958.

It-tobba qalu lil ommu li l-wild kien ser ikollu problemi serji, u probabbli kien ser jitwieled b'xi diżabilità. Is-suġġeriment kien li jkun aħjar li tagħmel abort, imma l-omm qatt ma aċċettat. Żammet it-tarbija kontra l-parir tat-tobba. Fil-fatt ta' 5 snin ħarġitlu l-marda tal-congenital glaucoma u ta' 12-il sena għama kompletament wara li kellu inċident waqt logħba ballun.

Andrea Bocelli għadu sal-lum jirringrazzja lil ommu li qatt ma semgħet mit-tobba.



Qatt m'għamlet abort. Iħobbha bi mħabba tal-ġenn għall-fatt li wilditu ħaj. Hawnhekk għandna każ ieħor ta' omm li ma serqitx lid-dinja minn dan il-personaġġ fenomenali fid-dinja tal-mużika. B'mod erojku tatna lil binha bit-talenti kollha li jippossiedi.

## 3. Steve Jobs

U xi ngħidu għal Steve Paul Jobs? Ilkoll kemm aħna nafuh u nafu x'ħalla warajh, speċjalment fid-dinja tal-komunikazzjoni soċjali. Huwa twieled fl-24 ta' Frar tas-sena 1955 f'San Francisco, California, l-Amerika. Miet b'cancer fil-5 ta' Ottubru tas-sena 2011 fl-età ta' 56 sena. Huwa meqjus bħala l-pijunier tar-revoluzzjoni li ġab miegħu l-kompjuter fid-dinja tal-lum, u kreatur tal-Apple II, tal-Macintosh, l-iPod, l-iPhone u l-iPad.

Meta ommu Schieble wildet lil Steve kien għad kellha 19-il sena. Kienet relazzjoni barra miż-żwieġ. Faċilment setgħet



wettqet abort. Hekk kien il-parir tal-ġuvni li kellha relazzjoni miegħu. Imma riedet issalva t-tarbija. Marret San Francisco, fejn wildet it-tarbija u tatu b'adozzjoni lill-koppja Paul u Clara.

Steve, għalkemm meta aktar tard sar jaf li kien iben adottat inħasad, baqa' jfaħħar u jirringrazzja lil ommu li għalkemm kellha 19-il sena biss ma għamlitx abort. Ma setgħetx iżżommu hi; tatu b'adozzjoni. Immaġinaw id-dinja mingħajr Steve Jobs! Omm oħra li b'kuraġġ ma serqitx lid-dinja minn dan il-personaġġ li bl-intelliġenza fenomenali tiegħu ġab rivoluzzjoni fid-dinja tal-media.

## 4. Justin Bieber

Hawnhekk għandna kantant famuż ieħor ġej mill-Kanada. Twieled fl-1 ta' Marzu tas-sena 1994. Għadu żagħżugħ ta' 28 sena. Huwa ferm popolari, speċjalment fost iż-żgħażagħ – huwa idolu għaż-żgħażagħ. Fil-bidu tal-karriera tiegħu kiseb suċċess bl-album tiegħu *My World* (2010).

Justin huwa iben Jeremy Jack Bieber u Pattie Mallette, li ma kinux miżżewġin. Għat-trobbija tiegħu daħlu responsabbli Diane, omm Pattie, flimkien ma' żewġha Bruce. Jeremy, il-missier naturali ta' Justin, kien diġà miżżewweġ u anke kellu tfal oħra. Għalhekk l-omm naturali ta' Justin, b'sagrifiċċji kbar, żammet it-tarbija, li twieldet barra ż-żwieġ, u kemm bl-għajnuna ta' ommha u missierha kif ukoll bil-flus li kienet taqla' mix-xogħol li kienet tagħmel, irnexxielha trabbih.

Għalhekk f'omm Justin Bieber għandna mudell ieħor ta' mara li ssir omm b'relazzjoni barra ż-żwieġ minn raġel miżżewweġ bi wlied oħra li meta indunat li hija tqila ma għamlitx abort. Talbet l-għajnuna tal-ġenituri tagħha, ħarġet taħdem u b'hekk illum għandna lill-famuż kantant internazzjonali Justin Bieber.



Anke f'Pattie Mallette għandna omm li ma serqitx lid-dinja minn dan il-kantant, li huwa idolu taż-żgħażagħ moderni.

## 5. Il-Papa Ġwanni Pawlu II

Dwar il-Papa San Ġwanni Pawlu II m'hemmx għalfejn nikteb fit-tul. Ilkoll nafuh. Nafu x'għamel, kemm f'pajjiżu bħala isqof u kardinal kif ukoll fid-dinja u fil-Knisja Kattolika bħala papa. Forsi ftit nafu dwar it-twelid tiegħu, li fil-kuntest li qed nikteb, dwar l-abort, l-aktar li jinteressana.

Jòzef Wojtyla twieled fit-18 ta' Mejju tas-sena 1920. Għal 27 sena (1978-2005) serva lill-Knisja bħala papa. Kien l-iżgħar fost it-tliet aħwa. Ommu Emilia Kaczorowska, qabel ma kien ser ikollha lilu, kienet diġà tilfet lil oħtu Olga, għadha tarbija f'ġufha. It-tobba matul it-tqala ta' tifel ieħor qalulha li dan kien ser ikun riskju kbir, u għalhekk l-aħjar tagħmel abort. Imnalla



ma semgħetx mill-parir tat-tobba, għax kieku d-dinja u l-Knisja Kattolika kienu jitilfu papa kariżmatiku li għamel tant ġid mhux biss lill-Knisja imma lid-dinja kollha.

## La tisraqx

Dan hu li jfisser LA TISRAQX. Meta mara li toħroġ tqila b'tarbija f'ġufha tiddeċiedi li tagħmel abort tkun qed TISRAQ lis-soċjetà ħolqien ta' Alla li fil-futur tiegħu jew tagħha jista' jagħmel ħafna ġid. Mela l-abort huwa dnub doppju: dnub li jikser l-1 kmandament, għax tkun qed tieħu l-liġi ta' Alla b'idejk billi tagħmel lilek innifsek alla u tiddeċiedi inti li tgħid u tagħmel tajjeb għalik dak li fih innifsu huwa ħażin, li huwa dnub, u tkun qed tikser ukoll is-7 kmandament, għax bl-abort tkun qed tisraq tarbija li tiġi maqtula fil-ġuf u għalhekk id-dinja, is-soċjetà mhix ser tgawdi mit-tajjeb li 'l quddiem dik it-tarbija tista' twettaq.

Darb'oħra nitkellmu dwar it-tielet kmandament li jinkiser bl-abort, dak li huwa tant ovvju u ċar: il-5 kmandament, LA TOQTOLX.

## LILL-ABBONATI FIR-RIVISTA *DAWL FRANĠISKAN* KEMM F'MALTA U F'GĦAWDEX KIF UKOLL BARRA MINN MALTA

B'direttiva tal-Bank Ċentrali ta' Malta, mill-1 ta' Jannar 2022 l-ebda bank f'Malta mhu se jibqa' jaċċetta ċekkijiet ta' inqas minn €20.00. Ħafna minnkom sa issa kontu qed tħallsu kemm l-abbonament ta' kull sena kif ukoll il-ħlas tal-Lotterija tal-Epifanija li norganizzaw kull sena billi tibagħtu ċekk ta' €15.00. Dan issa ma tistgħux tkomplu tagħmluh aktar. Għalhekk nissuġġerixxu li tużaw waħda minn dawn il-5 għażliet:

1. Tiġu bil-ħlas tagħkom fl-Uffiċċju tal-Missjoni, il-Kapuċċini, il-Furjana. Dan jiftaħ kuljum bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa mit-8.30 ta' filgħodu sa nofsinhar.

2. Tibagħtu l-ħlas tal-abbonament tagħkom flimkien mal-ħlas tal-biljetti tal-lotterija mad-distributuri li jiġu fi djarkom iqassmu r-rivista f'diversi bliet u rħula. Dawn jagħtukom irċevuta.

3. Tmorru fil-bank tagħkom u tiddepożitaw il-ħlas dovut (€10 f'każ ta' abbonament flimkien ma' €5 f'każ tal-biljetti tal-lotterija) f'dan l-IBAN jew kont bankarju: DAWL FRANĠISKAN – MT02VALL22013000000400234351175.

4. Tistgħu tagħmlu użu mill-internet banking billi tgħaddu l-flus li tixtiequ tibagħtu permezz ta' bank transfer. Dan dejjem isir fuq l-IBAN jew il-kont bankarju msemmi f'numru 3.

5. Mod ieħor kif tibagħtu kull ammont ta' flus lill-Uffiċċju Missjoni huwa billi tmorru fl-eqreb uffiċċju tal-Posta u tagħmlu money order indirizzata lilna.

◆ Jekk tkun tridu tagħtu offerta GĦALL-MISSJONI jew GĦALL-PROĠETT HOLA użaw l-IBAN u l-kontijiet bankarji l-oħra li għandkom fuq l-aħħar paġna tar-rivista.

Nota Importanti: Lill-bank agħtih dejjem ismek u kunjomok bl-indirizz tiegħek.

MONS. LAWRENZ SCIBERRAS



# Is-7 Sinjali skont l-Evanġelista San Ġwann

Philip Cutajar, patri Kapuċċin, li diġà ilu jqaddes 47 sena, u li 12-il sena minnhom għaddiehom missjunarju Kuba, għoġbu jagħtina għal darb'oħra ktieb ieħor, ktieb li jdur kollu kemm hu madwar is-seba' sinjali jew mirakli li nsibu fl-Evanġelju ta' San Ġwann. Għalhekk ngħid mill-ewwel li t-tagħrif teoloġiku profond li hemm fil-ktieb, dwar dawn is-seba' sinjali ta' Ġesù, iwasslek mhux biss biex takkwista dan il-ktieb imma wkoll biex taqrah bil-galbu kollu u timmeditah sew! Anzi nżid ngħid li wieħed għandu ta' sikwit jerġa' jaqbad dan il-ktieb, biex jixtarr dejjem aktar it-tifsir moħbi li hemm wara kull sinjal flimkien mad-diskors li Ġesù rabat ma' kull miraklu.

## L-ewwel taqsima

Mingħajr ebda sforz ta' xejn, wieħed faċilment jinduna li dan il-ktieb huwa maqsum fi tliet partijiet, u ebda taqsima ma tfixkel jew iċċajpar it-taqsima l-oħra ta' qabilha. Fr Philip iddeċieda li fl-ewwel taqsima jiffoka ftit u fl-istess waqt jagħni lill-qarrej bis-siwi tal-qari kontemplattiv tal-Kelma jew il-Lectio Divina. Hawn l-awtur joħroġ għad-dawl u jfisser il-mixja sħiħa u meqjusa f'dan il-proċess hekk utli tal-qari tal-Bibbja.




Għalhekk Fr Philip jispjega dawn il-passi: l-ewwel jibda billi jfakkar li hemm il-ħtieġa li wieħed joħloq skiet madwaru u jaqra forsi aktar minn darba t-test. Wara tiġi l-meditazzjoni. Wieħed hawn jipprova jifhem xi jrid jgħidlu t-test sagru. Mhux, le, x'inhu jaħseb l-individwu, għax dan jiġi relattiviżmu. U sabiex l-għan tal-qari jasal sħiħ għand l-individwu, dan irid jagħti kas ukoll tal-"verbi" fit-test, il-personaġġi, is-sinifikat tan-numri, ċerti espressjonijiet qawwija u l-bqija.

Fil-mixja tal-Lectio Divina huwa ferm importanti l-mument tat-talba, jew aħjar il-karba li toħroġ mill-qalb lejn il-Mulej. U dan il-waqt ta' talb jista' jkun kemm personali kif ukoll komunitarju. Ir-raba' tappa hija l-kontemplazzjoni, jew dik il-forma ta' talb fi grad għoli mal-maħbub.

Il-ħames waqt huwa l-azzjoni, li hija frott tal-proċess kollu li jkun sar qabel. Dan mela huwa l-frott spiritwali li joħroġ mill-proċess tal-Lectio Divina.

## It-tieni taqsima

It-tieni taqsima tal-ktieb, li tħaddan żewġ kapitli, tressaqna u turina dejjem fil-qosor min hu l-awtur tar-raba' evanġelju. Dan huwa individwu li ġej mill-familja tal-Lhud imma li jżomm fih kwalitajiet partikolari u speċjali. Individwu li jaf sew il-kultura Lhudija, il-festi tagħhom, il-qawwa tan-numru sebgħa (7) flimkien mal-ħafna riflessjonijiet meħudin mit-Testment il-Qadim. Ma' dawn isemmi personaġġi kbar u importanti: Abraham, Ġakobb, Mosè, David, Elija eċċ.

Din it-tieni taqsima tgħin u tqiegħed ħafna lill-qarrej biex jifhem aktar dan ir-raba' evanġelju. Hawn wieħed ma jridx jinsa li dan Ġwanni, ħu Ġakbu u iben Żebedew, kellu mumenti tant uniċi u intimi f'ħajtu ma' Ġesù. Għalhekk wasal biex tana l-evanġelju spiritwali tiegħu, "ġawhra ingastata sod fil-Bibbja". Hekk jikkummenta l-għaref Oriġene.

## It-tielet taqsima

It-tielet u l-aħħar taqsima twila tal-ktieb tikkonsisti f'tifsir eseġetiku tas-"7 sinjali skont l-evanġelista San Ġwann". Fl-ewwel wieħed fosthom Ġesù jbiddel l-ilma fi nbid waqt tieġ f'Kana tal-Galilija. F'kull sinjal li jiddeskrivi Ġwanni hemm tifsiriet, dettalji u tagħlim spiritwali ieħor. Hawn toħroġ it-tagħlima dwar is-sitt ġarar, il-kwantità ta' nbid ġdid u tajjeb, dwar il-kelma "mara" li Ġesù jgħid lil ommu u xejn anqas "is-siegħa".

Riflessjoni oħra sabiħa li jagħtina l-awtur P. Philip hija dwar l-ilma. Ġwanni jsemmi l-ilma fil-bidu tal-evanġelju tiegħu u jerġa' jsemmih fl-aħħar: "minnufih ħareġ demm u ilma" (Ġw. 19, 34). Din tissejjaħ 'inklużjoni'.

It-tieni sinjal idur mal-fejqan ta' iben uffiċjal tas-sultan. L-ewwel ħaġa li wieħed jinnota hija l-mixja minn Kafarnahum sa Kana, 40 km u 40 km oħra lura. It-tieni osservazzjoni f'dan il-miraklu hija l-fatt li dan l-uffiċjal ma kienx Lhudi – mela ġej minn ambjent pagan. Madankollu l-uffiċjal emmen fermament kliem Ġesù u telaq (Ġw. 2, 5). Dan jissejjaħ 'talb ta' interċessjoni'. Grazzi għall-fidi żonqrija tiegħu dan l-uffiċjal qala' l-fejqan ta' ibnu.

Il-fejqan ta' wieħed marid li kien ilu tmienja u tletin sena ħdejn l-ilma tal-menqgħa ta' Betzata jimmarka t-tielet sinjal li għamel Ġesù. Betzata hija żewġ kelmiet bil-Lhudi li jfissru 'dar il-ħniena'. U tassew dan il-mitluq waħdu u minsi għalkollox wassal 'il Ġesù biex ħenn għalih u fejqu, liema fejqan ħeles lill-marid mil-loneliness li kien jinsab fiha!

Il-post fejn sar ir-raba' sinjal, jiġifieri dak tat-tkattir tal-ħobż, huwa wieħed mill-isbaħ u mill-aktar postijiet li joffrilek serħan il-moħħ fl-Art Imqaddsa: Thabga, kelma Għarbija li ġejja mill-Grieg 'heptagon', li tfisser seba' għejun – mela fejn hemm l-ilma hemm il-ħajja. Biex dan l-ambjent ikompli joħroġ għad-dawl is-sbuħija naturali tiegħu, dan l-imkien qed jiġi mbewwes mill-ilma ħelu tal-Għadira tal-Galilija. Kien f'dan l-ambjent eżotiku li Ġesù ħareġ it-tliet snin tiegħu jgħallem.

Marbut sħiħ ma' dan il-miraklu, Patri Philip joħroġ għad-dawl in-nota ta' servizz, tant li jsemmih 'is-sagrament tal-qadi'. Għalhekk mela l-Ewkaristija u s-saċerdozju huma żewġ sinjali li bihom joħroġ bil-qawwa kollha l-qadi, l-għajnuna u d-djakonija.

Il-ħames miraklu jdur kollu kemm hu fuq u madwar Ġesù. Hu l-protagonista ewlieni. Quddiem is-sinjal kbir tat-tkattir in-nies dritt raw li Ġesù jistħoqqlu xi ħaġa aktar. Għalhekk iddeċidew li jagħmluh sultan, iżda hu minnufih ħarab.

Quddiem din il-ġrajja tanġibbli l-awtur

jiġbed il-lezzjoni tal-intenzjoni retta u tajba f'dak kollu li jsir. Ġesù jqawwi qalb id-dixxipli minkejja t-taqlib tal-baħar, billi jgħidilhom u jiżgurahom li "Jiena hu". Mela warrbu minnkom il-biża', għaliex min jinħakem mill-biża' jistaġna u jmur lura.

Is-sitt sinjal, jiġifieri dak li Ġesù jfejjaq raġel agħma sa minn twelidu, huwa wieħed mill-isbaħ episodji f'San Ġwann. L-awtur iħaddem ħafna t-tagħlim dwar id-duwaliżmu, kollu effett tal-Qumran, tant li f'dan ir-rakkont jidhru żewġ movimenti kontra xulxin: dlam u dawl, barra u ġewwa. Ġwanni tant jiddrammatizza dan il-miraklu li jaqsmu f'seba' xeni.

Żewġ elementi oħra li jaqbżu f'dan is-sinjal huma t-tajn u l-ilma. Ġwanni qed jibgħatna fl-ewwel ktieb tal-Bibbja, mela l-Ġenesi, il-ħolqien naturali u dak spiritwali. Għalhekk Ġesù b'qawwa jkompli jgħid: "Jien hu d-dawl tad-dinja" (Ġw. 9, 5). Il-klajmaks ta' dan il-miraklu qiegħda fl-aħħar, għaliex l-agħma jagħmel l-istqarrija ta' fidi f'Ġesù: "Nemmen, Mulej!" (Ġw. 9, 38)

Is-seba' sinjal idur kollu kemm hu madwar din il-ħajja imma b'ħarsa ferma lejn il-ġejjieni. Meta Ġesù wieġeb: "Lazzru rieqed" ried jgħallem li wara l-mewt hemm qawmien (Fil. 1, 20-25). Mela nimtlew bil-kuraġġ għal kliem San Pawl: "Mal-mewt il-ħajja ma tintemmx imma tinbidel."

Il-miraklu tal-qawmien ta' Lazzru jkompli jiġi ċċarat fit-tifsira għall-fatt li Lazzru kien ġa ilu erbat ijiem mejjet. Ġesù hawn ried tassew jisħaq li huwa l-qawmien u l-ħajja (Ġw. 11, 25) Hekk hemm miktub bil-Latin ġewwa l-knisja f'Betanja, fejn fil-qrib sar il-miraklu.

Iżda f'dan il-miraklu Ġwanni reġa' ħareġ sbiħ għad-dawl li Ġesù kien bniedem tassew – kontra d-Doċeti. Difatti quddiem ix-xena ta' ħabibu mejjet "Ġesù beka" (Ġw. 11, 35). Dan tal-qawmien ta' Lazzru huwa l-akbar miraklu ta' Ġesù, però wkoll l-aktar li swielu qares u inkwiet.

Iżda wieħed ma għandu qatt jinsa l-kelma qawwija ħierġa minn fomm iben Alla: "Oħroġ!" U b'din ir-realtà ta' kuraġġ lejn il-ġejjieni wieħed għandu jkompli fil-mixja tiegħu, il-ħruġ tiegħu minn kull irbit.

Minn qalbi nawgura aktar imħabba lejn il-qari u l-meditazzjoni tal-Kotba Mqaddsa u xejn anqas ġid spiritwali mill-qari tal-ktieb *Is-7 Sinjali skont l-Evanġelista San Ġwann* ta' Patri Philip Cutajar OFMCap.

## Is-7 Sinjali skont l-Evanġelista San Ġwann - kummenti oħra

Minbarra r-riċensjoni li Ħuna l-Prof. Dr Fr Martin Micallef, bħala biblista, tana dwar il-ktieb ta' Fr Philip Cutajar OFMCap *IS-SEBA' SINJALI SKONT L-EVANĠELISTA SAN ĠWANN*, li dehret fil-ħarġa tar-rivista ta' Ottubru 2021, flimkien magħha llum għandna wkoll ir-riflessjonijiet li wasslilna biblista ieħor, Mons. Lawrenz Sciberras. Ma' dawn daħlu wkoll xi kummenti oħrajn mingħand persuni differenti li diġà wasal f'idejhom il-ktieb. Dawn huma kummenti ferm pożittivi. Sejrin inġibu wħud minnhom, fosthom dawk ta':

*1. Mingħand is-Sur Joe Farrugia – editur responsabbli tal-LAIKOS – Malta*
*KTIEB LI JISTA' JGĦINEK SABIEX TAGĦMEL IRTIR TA' ĠIMGĦA MINN DAREK STESS*

*Għażiż Fr Philip, kif inti?*
*Nittama li tħossok tajjeb.*
*Xtaqt li minn qalbi ngħidlek grazzi tal-ktieb sabiħ li bgħattli,* Is-7 Sinjali... *Huwa dwar tema li ilha żmien tinteressani ħafna, u mal-ewwel daqqa t'għajn li tajt lejn il-kontenut ninsab ċert li ser jogħġobni ħafna.*

*Il-preżentazzjoni tal-ktieb hija waħda tassew li tolqtok u t-tipa ċara ħafna u li ma tgħejjikx taqra. Imma s'issa, li għadni ma qrajtux, l-aktar li laqatni huwa l-ħsieb li dawn il-kitbiet iservu ta' għajnuna għal irtir ta' sebat ijiem li l-qarrej jista' jagħmel. Determinat li minn dari stess irrid jiena*

*wkoll nagħmel din il-mixja, li bħalissa għandi bżonn, biex tgħinni nerġa' nfittex il-prijoritajiet tiegħi. Ċert li dawn is-sinjali ser ikunu sinjali għalija wkoll fiċ-ċirkustanzi tal-ħajja tiegħi llum.*

*Filwaqt li minn qalbi nawguralek ħafna, ħafna sliem u saħħa, nitolbok iżżommni fit-talb tiegħek. Nassigurak li għandi bżonnu u li jiena wkoll inkompli nżommok fit-talb fqajjar tiegħi.*

*Għażiż Fr Philip, berikni.*
Joe

*2. Mingħand Fr Albert Buhagiar – Rettur tas-Seminarju tal-Arċisqof – Tal-Virtù, ir-Rabat*

*Għażiż Fr Philip*
*Nittama li tinsab tajjeb.*
*Nixtieq nirringrazzjak ħafna tal-ktieb li għoġbok tibgħatli dwar is-7 sinjali skont l-Evanġelista San Ġwann.*

*Niftakar xi żmien ilu inti kont tajt irtir lill-kappillani u jiena kont wieħed minnhom; kont attendejt għalih. Inti kont ittrattajt dawn it-temi u kienu laqtuni ħafna.*

*Itlob għalija għall-ħidma ġdida f'Ħaż-Żebbuġ, pajjiżek! Nitolbu għal xulxin u nitolbok tberikni.*
Albert

*3. Mingħand Rev. Prof. Mons. Fr Hector Scerri*

*Għażiż Patri Philip,*

*Is-sliem! Nittama li tinsab tajjeb.*
*Dalgħodu, appena dħalt il-Kurja, sibt envelopp bil-ktieb tiegħek dwar is-7 sinjali Giovannei.*

*Nifraħlek u nifraħ miegħek għal dan il-ktieb. Tassew preżentat tajjeb, u milli diġà qed nara, għandu kontenut sabiħ u li jgħinna fit-talb. Nirringrazzjak li ġentilment għaddejtli kopja gratis et amoris. Napprezza wkoll id-dedikazzjoni tiegħek.*

*Il-ktieb dwar is-seba' sinjali (jew mirakli) ta' Ġesù fir-raba' evanġelju huwa mħejji b'mod mexxej u sabiħ minn Patri Philip Cutajar, Kapuċċin. Kull silta li hi ppreżentata hija stedina lill-qarrej biex jifhem tajjeb il-kuntest wiesa', jiġifieri x-xena kollha u l-persuni, u bis-saħħa ta' dan ikun jista' jgħaddi għat-talb. Il-ktieb huma miktub bl-istess mod sabiħ li bih Patri Philip jipprietka jew janima xi rtir. Il-ktieb jgħinna nidħlu ħafna fil-fond ta' dak li għamel u għallem Ġesù, kif insibuh fir-raba' evanġelju, fejn l-awtur ispirat mhux biss jiftakar il-ġrajjiet ta' Ġesù imma juża l-pinna fina tiegħu biex iwassal katekeżi profonda. Patri Philip jgħinna nduqu l-benna tal-Kelma t'Alla permezz ta' dan il-ktieb, u anki jisfidana permezz ta' għadd ta' mistoqsijiet u riflessjonijiet prattiċi biex ngħixu d-dixxipulat Nisrani b'fedeltà, radikalità u awtentiċità akbar.*

Inselli għalik u nixtieqlek kull ġid fil-Mulej.
Dun Hector

*Inselli għalik u berikni, filwaqt li nitolbu għal xulxin.*
Dun Hector

*4. Mingħand il-Madre Provinċjali tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù – Madre Victoria Sant DSH*

*Għażiż Patri Philip,*
*Nifraħlek qabel kollox li f'saħħtek tinsab tajjeb, miexi dejjem 'il quddiem.*

*Nixtieq ukoll nifraħlek għall-ktieb sabiħ u interessanti li tajtna f'idejna, li jittratta s-seba' sinjali skont l-Evanġelista San Ġwann. Prosit tassew.*

*Il-kitba mirquma sewwa ta' Fr Philip Cutajar tispikka ħafna f'dan il-ktieb, fejn wera ċar dak li San Ġwann ried iwassal permezz tal-Evanġelju tiegħu: id-divinità ta' Ġesù permezz tas-7 sinjali/mirakli.*

Il-Madre Provinċjali Sr Victoria Sant DSH

FR. HILARY ABELA OFMCap



# L-Evanġelju fl-Afrika

**L-Evanġelju jiġbor fih il-ħajja ta' Ġesù, imwieled Betlehem u mrobbi Nazaret ma' Ġużeppi l-mastrudaxxa u ommu Marija (Mt. 13:55-56). F'medda ta' tliet snin Ġesù għadda minn raħal għal ieħor iħabbar is-Saltna ta' Alla, għal tisfija ġdida lil dawk li ħallew fil-ġenb il-Kelma ta' Alla. Ġesù stess stqarr fil-beraħ u qal: "Jiena mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema." (Lq. 5:32)**

Il-ktieb tal-Evanġelju jurina biċ-ċar li l-bliet u l-irħula li għadda minnhom Ġesù jaqblu ħafna ma' dawk li huma drawwiet, twemmin u l-ħajja ta' kuljum fl-Afrika. Dan iwassalna biex ngħidu li l-ktieb tal-Evanġelju huwa l-eħfef għodda li jistgħu jużaw l-missjunarji biex inaddfu u jagħtu ħajja ġdida lill-Afrikani fil-mixja tagħhom wara Ġesù. B'hekk isseħħ ix-xewqa ta' Ġesù, li qal: "Għandi wkoll nagħaġ oħra, li mhumiex minn dan il-maqjel; lilhom ukoll jeħtieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u jkun hemm merħla waħda, ragħaj wieħed." (Ġw. 10:16)

## Tixbihat u twemmin

It-tixbihat minn dejjem kienu s-sengħa li użaw l-għorrief biex jgħallmu lin-nies ta' bla skola. B'hekk it-tagħlim jintgħoġob, jinftiehem u jitwettaq mis-semmiegħa. Din is-sengħa għażilha Ġesù wkoll biex iwassal il-Kelma ta' Alla bl-iżjed mod ħafif.

It-tixbihat li Ġesù qal lin-nies ta' żmienu jaqblu ħafna mal-ħajja tal-Afrikani fl-irħula tagħhom. Hekk ngħidu ahna t-tixbihat fuq il-biedja u l-frott tas-siġar, l-imrieħel u s-sajd, tliet għejun li jġibu qligħ għall-ħtiġijiet ta' kuljum li jkollha bżonn kull familja Afrikana. Dawn it-tliet għejun ta' qligħ jiddependu ħafna mill-istaġun kif ukoll mix-xorti li tiġik matul is-sena.

Tixbihat oħra li Ġesù tefa' ħarstu fuqhom u għażilhom b'mezz għat-tagħlim tiegħu huma dawk li n-nies jarawhom id-dar u jagħmlu użu minnhom. Hekk jissemmew l-ikliet ta' festi bħall-festa tat-tieġ u festi familjari, l-imsiebaħ, il-melħ, il-ħmira, l-irqajja' u bini mfassal u magħmul bil-għaqal.

Ħaġa oħra li naraw fil-ħajja Lhudija hija t-twemmin fil-magħmul u s-saħtiet għan-nuqqasijiet li saru minn xi ħadd tal-familja jew minn ġenshom. Dan it-twemmin insibuh ukoll fil-ħajja Afrikana. It-twemmin tal-magħmul insibuh meta Ġesù mar Nazaret għand niesu u daħal is-sinagoga



biex jgħallimhom il-Kelma ta' Alla. In-nies stagħġbu għax kienu jafu lilu, lill-familja tiegħu u lil niesu. U tfixklu fi ħsibijiethom, għax moħħhom kien qiegħed jaħseb li sarlu xi magħmul. (Mt. 13:53-57)

It-twemmin fis-saħta għal xi nuqqas fil-ħajja nsibuh jidwi fil-laqgħa li kellu Ġesù mal-agħma mit-twelid. L-ewwel ħaġa li staqsew id-dixxipli lil Ġesù kienet: "Rabbi, dan twieled agħma għax dineb hu stess jew għax dinbu l-ġenituri tiegħu?" U Ġesù wieġeb: "Mhux għax dineb hu jew il-ġenituri tiegħu, imma ġralu hekk biex l-għemil ta' Alla jidher fih." (Ġw. 9:1-3)

Ġrajja oħra fil-ħajja ta' Ġesù tgħid hekk: "Jum wieħed Ġesù ħadu l-ġuħ u mill-bogħod ra siġra tat-tin kollha weraq ħodor. Meta resaq lejha u fittex fiha l-frott, ma sab xejn u qalilha: 'Qatt iżjed ma joħroġ frott minnek għal li ġej.' Stagħġbu d-dixxipli kif raw dan." (Ġw. 21:18-22)

Id-drawwiet tal-Lhud jaqblu ħafna ma' dawk Afrikani. Hekk ngħidu aħna l-ħasil tar-riġlejn kif ukoll il-ħasil tal-idejn qabel u wara l-ikel, ikla lill-għarib li jiġi jżurek, żmien li toqgħod mal-għarib biex taqdih f'dak li jkollu bżonn waqt l-ikla ta' merħba. Waqt l-ikel m'hemmx kliem, imma tħalli lill-għarib jiekol, jixtarr u jtiegħem il-ġieħ li tajtu permezz tal-ikla.

## Ġesù u l-ġmiegħi Lhud

L-Evanġelju ma jsemmix biss it-tixbihat li qal Ġesù, imma wkoll l-imġiba tiegħu man-nies, tant li riedu jagħmluh sultan tagħhom. Imma Ġesù iżjed xtaq li jissejjaħ 'is-sultan tal-foqra'.

It-tixbiha li ssemmi l-ħaqq tal-aħħar tad-dinja turina lil Ġesù fix-xebh tiegħu ma' dawk li huma bil-ġuħ, bil-għatx, għeriewen, għorba, morda u ħabsin. Għax Hu qal: "Kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti għamiltuh miegħi." (Mt. 25:31-46)



Ġesù wissa bis-sħiħ lil dawk li jagħlqu qalbhom għall-ħtiġijiet tal-oħrajn bit-tixbiha tal-għani u Lażżru u dak li stħaqqilhom jieħdu wara mewthom. (Lq. 11:19-31)

Għal dawk ta' qalbhom miftuħa għall-ħtiġijiet tal-oħrajn Ġesù jsemmi t-tixbiha tal-Ħanin Samaritan, li warrab fil-ġenb l-għajn ħażina għal-Lhudi l-mifluġ u nfetħet qalbu beraħ bi mħabba bla qies. (Lq. 10:25-37)

Ġesù mhux biss għen lill-batut imma qabeż għalih u ħadha qatta bla ħabel mal-Farizej u l-kittieba tal-liġi, tant li qal lin-



nies: "Kulma jgħidulkom huma agħmluh u ħarsuh, iżda tagħmlux kif jagħmlu huma, għax huma kliem biss għandhom, imma fatti xejn." (Mt. 23:3)

Ix-xbieha ta' Ġesù sultan tal-batut tinżamm b'għożża kbira f'qalb l-Afrikani, għax huma biss jafu xi tfisser it-tbatija, l-irbit tal-jasar, ir-rimi tagħhom mill-għonja u ż-żebliħ minn ħuthom il-bnedmin.

## Tagħlim b'għanjiet qaddisa

Il-missjunarji għarfu mill-ewwel li l-Evanġelju huwa d-dawl, il-melħ, il-ħmira u ż-żerriegħa għammiela biex in-nies Afrikani jifhmu lil Ġesù u jimxu warajh sa ma jaslu għand il-Missier tas-sema. Ġesù stess qal: "Ħadd ma jagħraf lill-Missier jekk mhux l-Iben u dak li lilu l-Iben irid jgħarrafhulu." (Mt. 11:27)

It-tixbihat li semma' Ġesù tħawlu mill-ewwel fi qlub is-semmiegħa Afrikani u taw frott kotran. Is-sliem, l-għaqda u l-imħabba bdew jinħassu iżjed minn qabel. Il-ġid beda jinqasam ma' dawk li m'għandhomx. In-nies tar-raħal saru familja waħda b'għajta li torbothom flimkien: Ġesù Kristu l-ħellies tagħna.

Il-missjunarji kienu jishru lejl u nhar biex jiktbu l-Evanġelju bi lsien in-nies li jaħdmu magħhom. Ġabru madwarhom ix-xjuħ tar-raħal u l-għalliema tal-iskejjel biex l-Evanġelju jkun imfassal tajjeb bi lsien barrani. Ix-xogħol ħa ż-żmien, imma l-Afrikan m'għandux għaġla, għax imqar naqra ta' żerriegħa tieħu żmienha biex tagħti l-frott, u ħadd ma jlumha.

Il-missjunarji kellhom xewqa kbira li jgħallmu l-Evanġelju lit-tfal. Għamlu ħbieb maż-żgħażagħ, ġabruhom flimkien u ħarrġuhom sewwa fit-tagħlim tal-Evanġelju. B'hekk kull nhar ta' Ħadd kien hemm min jgħallem lit-tfal waqt li l-kbar ikunu miġburin għall-quddiesa madwar il-missjunarji.

Minħabba l-fatt li l-Afrikani jħobbu ħafna d-daqq u l-għana, il-missjunarji għaqqdu ġemgħa ta' żgħażagħ biex isibu stejjer mill-Evanġelju, ifassluhom għall-għana u jiktbu l-mużika għalihom. B'hekk l-Evanġelju ma kienx għodda biss għall-missjunarji imma għall-ġmiegħi li emmnu f'Ġesù s-Salvatur.

## Għajnuna lill-morda

L-għajnuna li Ġesù ta lill-morda kollha li marru għandu hija fattur li jaħkem ukoll fuq l-Afrikani. Dawk li jgħixu fl-irħula ħafna drabi huma neqsin mill-bereġ, u jekk ikollhom berġa suret in nies jonqsuhom il-flus biex iħallsu dak li jkun hemm bżonn għall-fejqan. Fl-irħula fejn hemm il-missjunarji l-ħajja hija mod ieħor, għax il-berġa tkun mgħammra b'dak li huwa ta' bżonn u fejn il-marid jonqsuh il-flus ikun hemm il-qalb tal-missjunarji li tħoll kull saram għall-marid.

Laqgħat fuq it-tifsir tal-Kelma ta' Alla u talb għall-fejqan ma jonqsux. Il-morda foqra jagħmlu minn kollox biex jissieħbu mal-ġemgħa tat-tallaba. B'hekk jieħdu l-fejqan u s-saħħa li dejjem ittamaw fihom. L-Evanġelju huwa l-ktieb li qawwa t-twemmin Nisrani ta' ħafna Afrikani, kif ukoll Ġesù s-Salvatur jibqa' jsaltan fi qlub dawk li jemmnu fih.



JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)



# Xandru Farrugia, familtu u xogħlijiet artistiċi (L-1 Parti)

## ĦAJJET XANDRU FARRUGIA

Ix-xena artistika, fejn tidħol l-iskultura, fil-gżejjer Maltin kienet iddominata minn xogħlijiet għall-vari u statwi għan-niċeċ. L-iskultur li kien jissemma sewwa kien it-Tarxiniż Marjanu Gerada (1771-1823). Dan, barra li kien jaħdem vari u statwi, kien ukoll iħarreġ xi żgħażagħ biex jaqbdu l-karriera ta' skulturi. Tliet studenti tiegħu għamlu isem. Dawn kienu Salvatore Psaila (1798-1871) minn Bormla, Pietro Paolo Azzopardi (1791-1875) mill-Belt Valletta u Xandru Farrugia (1791-1871) miż-Żejtun.

Xandru Farrugia twieled f'Bisqallin, kif kien magħruf dak iż-żmien ir-Raħal t'Isfel, fit-2 ta' Frar 1791.[1] Missieru u ommu kienu Ġużeppi Farrugia u Domenica xebba Abela. Il-parrini tal-magħmudija tiegħu kienu Lorenzo Fenech minn Bormla u Caterina mart Giuseppe Fenech miż-Żejtun.[2]

### It-trobbija

Hu trabba ma' ħutu Salvatore, Benigno u Maria Gratia u l-ġenituri tiegħu f'Vicolo del Mannicolo (illum Sqaq San Bastjan). Fil-magħmudija ngħata l-ismijiet ta' Alessandro, Annuntiatus, Julianus u Candelorus. Ta' 23 sena, sewwasew fit-8 ta' Novembru 1814, Xandru żżewweġ lil Marianna, armla ta' Giovanni Zahra.[3] Din Marianna kienet iżżewġet lil Giovanni Zahra fl-20 ta' Jannar 1807. Marianna kienet bint Pawlu Camilleri u Catharina, xebba Formosa.[4] Minn dan iż-żwieġ kellha għall-inqas tifla waħda jisimha Maria Teresa Zahra.[5]



| Mastru Xandru Farrugia

Miż-żwieġ bejn Xandru Farrugia u

Referenzi:

1. Debono, J. "L-Istatwa titulari ta' Ħal Tarxien u l-iskultur tagħha", *f'Tarxien*, ħarġa speċjali tal-festa. 2006: Għadd 138: 8.
2. Lia, C. "L-Iskultur Alessandro Farrugia u l-istatwa titulari ta' Santa Marija tal-Imqabba", f'*Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V*, programm tal-festa. 1994: 45.
3. Debono, J. "L-Istatwa titulari ta' Ħal Tarxien u l-iskultur tagħha"... op cit: 8.
4. Debono, J. "L-Istatwa titulari ta' Ħal Tarxien u l-iskultur tagħha"... op cit: 17.
5. Abela, J. "Giovanni Farrugia (1819-1902) l-imgħallem li ħadem il-pedestall ta' San Ġużepp", *Festa San Ġużepp Ħal Kirkop*. 2002: 103.





*Ritratt li juri ras ta mara bit-toppu. Il-Mużew Parrokkjali taż-Żejtun. Ħajr lis-Sur Pawlu Zammit*

*Id-dar fejn kien joqgħod l-iskultur Mastru Xandru Farrugia*

Marianna kien hemm tal-inqas tmien ulied. L-ewwel tarbija kienet tifel u twieled fl-24 ta' Settembru 1815. Dan ingħata l-ismijiet ta' Michele Joseph Angelus. It-tieni wild kien tifla: Columba Rosa Josepha, li waslet fid-dinja fis-17 ta' Jannar 1817. It-tielet tarbija kienet Antonius Andreas Felix, li twieled fid-19 ta' Settembru 1818. Ir-raba' wild kien ukoll tifel. Dan kien Joannes Dionisius Carmelus, li twieled fl-20 ta' Ottubru 1819.[6] Wara Joannes jew Giovanni twieldet tifla u din ingħatat l-ismijiet ta' Anna-Maria Evangelista Margarita Theodora. Din it-tifla twieldet fl-4 ta' Ottubru 1822. Fl-14 ta' Mejju tal-1824 wasal Paulus Franciscus Laurentius. Is-seba' wild kien Didacus Federicus Ludovicus, li twieled fil-25 ta' Awwissu 1826. L-aħħar tarbija kienet Catharina Maria Teresia, li waslet fl-1 ta' Awwissu tal-1827. Michele u Columba Rosa mietu żgħar, tant li fl-*Istatus Animarum* li kien ġabar il-kappillan taż-Żejtun Dun Bert Sant fl-1822 fid-dar fejn kienu joqogħdu Xandru Farrugia u martu, jiġifieri 10, Via Boni Consilii, Casal Bisbut kien hemm 4 persuni – Xandru l-iskultur, Marianna, Giovanni jew Ġanni ta' sentejn u Maria Teresa Zahra, tifla ta' 14-il sena, wild ta' Marianna u Ġużeppi Zahra.

## Xandru Skultur

Xandru Farrugia studja s-sengħa tal-iskultura għand Marjanu Gerada. Dan it-Tarxiniż kien ħalla Malta biex jistudja l-iskultura f'Valencia, Spanja. Meta ġie lura saħħar lill-Maltin bil-ħila li kiseb u ħafna prokuraturi tal-knejjes bdew jitolbuh vari u statwi. Xandru tant tgħallem l-istil ta' Marjanu Gerada li ħafna xogħlijiet tiegħu juru l-influwenza ta' dan is-surmast tal-arti li Malta kellha x-xorti li tara.

Qawl li kont nisma' fost l-anzjani ta' Ħal Tarxien kien 'Ħadd wara Ħadd tasal ta' kulħadd.' U hekk hu: Xandru Farrugia ħalla dan il-wied tad-dmugħ fl-4 ta' Diċembru 1871. Kellu 80 sena. Indifen fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun. Ħalla warajh wirt kbir ta' xogħlijiet tal-iskultura li għadhom isebbħu sal-lum il-knejjes Maltin, u li naraw fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Barra dawn hemm ukoll statwi tal-franka li jżejnu l-imsierah u t-toroq tal-bliet u l-irħula Maltin.

Referenzi:

6. Abela, J. "Giovanni Farrugia..." op cit: 103.

KAV. JOE M. ATTARD



# *Il-qilla tal-gwerra fuq Għawdex 1940-1943*
## tal-poeta Għawdxi Charles Bezzina

Ma naħsibx li qatt kien hawn awtur Għawdxi li xi darba rnexxielu jagħtina f'idejna ktieb daqstant voluminuż dwar il-qilla tal-gwerra fuq Għawdex bejn 1940 u l-1943, iżda dan għamlu dan l-aħħar il-poeta Għawdxi Charles Bezzina, li tana l-edizzjoni l-ġdida mkabbra f'mhux inqas minn 600 paġna. Din il-pubblikazzjoni hija ġabra taż-żewġ kotba *Il-Qilla tal-Għadu fuq u madwar Għawdex 1940-1943* (1977) u *F'Għawdex fi żmien il-Gwerra* (1981) ta' Frank Bezzina, u t-tieni edizzjoni, ġdida u mkabbra, ta' *Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940-1943* ta' Frank Bezzina, li ġie ppubblikat fis-sena 2000.

Ċert li biċċa xogħol bħal din kienet titlob ħafna ħin twil ta' riċerka u spejjeż mhux żgħar, iżda grazzi għall-BOV, Charles irnexxielu jdaħħal il-bastiment tiegħu fil-port u issa għandna f'idejna xhieda tal-għaġeb ta' dak kollu li kellu jġarrab Għawdex matul dawn it-tliet snin ta' gwerra li lill-poplu kienet litteralment niżżlitu għarkupptejh, bħalma forsi qed tagħmel bħalissa din l-epidemija tal-Coronavirus. Kif kien xieraq, dan il-ktieb huwa ddedikat lill- Għawdxin vittmi tal-Gwerra, u Charles bla dubju jibda biex irodd ħajr lil lista kbira ta' persuni li għenuh sakemm wasal biex jippubblika dan il-ktieb hekk voluminuż li għall-bidu forsi taqta' qalbek taqrah imma li kif tibda tqalleb l-ewwel paġni tiegħu mill-ewwel tinduna li hawnhekk għandek minjiera ta' informazzjoni interessanti dwar minn xiex kellha tgħaddi din il-gżira tagħna sakemm daqqet l aħħar sirena.

Meta Frank Bezzina, missier Charles, kien ra l-ktieb *The Second Great Siege of Malta 1940-1943* tat-tabib Dr Charles Boffa, mill-ewwel instema' jgħid, 'Imma fuq Għawdex kif ħadd ma kiteb xejn?' U mill-ewwel medd għonqu għax-xogħol u beda jdur m'Għawdex kollu jiġbor il-materjal. Bezzina kien ukoll iħobb imur fejn jaqa' xi ajruplan jew taqa' xi bomba tal-għadu, mhux biss biex jara x'ġara imma wkoll biex jieħu miegħu lejn id-dar dik il-biċċa splinter, xi biċċa mill-ajruplan jew xi fdal ta' xi paraxut u jinnota dwarhom. Mui għidlu li biż-żmien kien se jippubblika wkoll ktieb dwar hekk! Dan kien fl-1977. Tlieta u għoxrin sena wara, Frank Bezzina ħareġ bit-tieni ktieb tiegħu *F'Għawdex fi Żmien il-Gwerra,* li marru fi żmien qasir l-elf kopja tiegħu li kien ippubblika. Għadda ż-żmien u ibnu Charles, għalkemm il-poeżija teħodlu ħafna mill-ħin tiegħu, ix-xogħol ta'

missieru qatt ma warrbu fil-ġenb, u maż-żmien ġabar dawn iż-żewġ volumi flimkien f'edizzjoni riveduta u mkabbra.

L-ewwel taqsima ta' dal-ktieb li għandna f'idejna hija djarju ta' Għawdex fil-gwerra, jew ta' dak kollu li hemm fl-ewwel ktieb tiegħu *Il-Qilla tal-Għadu fuq u Madwar Għawdex*, u aktar. Fiha hemm kronoloġija dettaljata b'avvenimenti separati dwar kull ċaqliqa li l-għadu tista' tgħid għamel fuq Għawdex, u l-konsegwenzi li ħalla. Ma' dawn hemm dettalji wkoll tal-mini rrapportati, ta' ġrajjiet li seħħew f'Għawdex u ta' persuni li ndarbu jew mietu taħt ir-rovini ta' djarhom. Xi dispożizzjonijiet li saru minħabba l-gwerra jinsabu biss imsemmija fl-ewwel taqsima bħala parti mill-kronoloġija u fit-tieni taqsima huma miftuħa iktar.

It-tieni taqsima ta' din l-opra storika u letterarja, *Għawdex fil-Gwerra*, hija taqsima iktar interessanti, u turi l-impatt li l-gwerra ħalliet fuq il-gżira tagħna. Hawnhekk naqraw dwar il-qagħda soċjali ta' ħutna l-Għawdxin u nsibu minjiera ta' tagħrif dwar il-forzi tad-difiża li twaqqfu u dwar diversi ħwejjeġ oħra. Billi l-ġenerazzjoni tan-nies li jiftakru l-gwerra qiegħda dejjem tonqos (ngħid għalija jien ma naf xejn, għax twelidt fl-ewwel tas-sena 1946), Charles idaħħal dettalji oħra biex jagħti stampa ċara lil dawk li ma jiftakrux jew bħali qatt ma għexu l-gwerra. Minn tagħrif ieħor u kitbiet mhux kompluti li kien ġabar missieru, wara li kien ħareġ il-kotba tiegħu Charles Bezzina rnexxielu, wara iktar riċerka, jgħaqqad u jsawwar kapitli ġodda, kif jista' jara kull min jixtri dan il-ktieb. B'hekk għall-ewwel darba jinsabu ppubblikati l-kapitli dwar ir-Rediffusion f'Għawdex, il-Black Market, is-sajjieda Għawdxin fi żmien il-gwerra, il-bdiewa Għawdxin fi żmien il-gwerra, il-prekawzjonijiet għall-attakki mill-ajru f'Għawdex, il-Knisja u l-festi f'Għawdex fi żmien il-gwerra, l-isptarijiet ta' Għawdex fi żmien il-gwerra, u s-servizz tal-vapur u tad-dgħajjes fi żmien il-gwerra. Minn għadd ġmielu ta' ittri ppubblikati f'*Il-Berqa* ta' dak iż-żmien, u li jidhru f'dan il-volum, għall-ewwel darba l-qarrejja issa jistgħu jieħdu idea ċara dwar l-impatt li l-gwerra ħalliet f'Għawdex u kemm ekonomikament u kemm psikoloġikament l-Għawdxin inħakmu mill-konsegwenzi li ġabet magħha l-gwerra.

Charles Bezzina jgħidilna li f'din l-edizzjoni qagħad ħafna attent biex jibqa' fidil lejn l-istil ta' missieru, stil mexxej daqskemm dettaljat li huwa reġa' rreveda mill-manuskritti ta' missieru b'attenzjoni kbira. Żamm ukoll il-lingwa oriġinali tagħhom,



kwotazzjonijiet u tagħrif li huwa silet minn dokumenti, manuskritti u minn diskorsi, mistoqsijiet u tweġibiet li kienu saru fil-Kunsill tal-Gvern. F'din l-edizzjoni l-ġdida Charles Bezzina inkluda wkoll referenzi, annotamenti u statistiċi flimkien mar-rakkontar ta' missieru. Ġabar ukoll informazzjoni li personalment fittex bil-permess mill-okkorrenzi tal-Pulizija, mid-dokumenti tal-Isptar Victoria, mir-reġistri tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, is-Sanità, u mil-logbooks tal-iskejjel. Qalleb ukoll il-Parliamentary Debates u għadd ta' rivisti. Fi ftit kliem Bezzina Junior amalgama dawn iż-żewġ kotba preċedenti tiegħu f'edizzjoni ġdida u aġġornata taħt l-isem *Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940-1943.* Nistgħu ngħidu li issa għandna f'idejna ktieb wieħed imkabbar u rivedut b'libsa professjonali.

Fuq talba ta' dawk li jħobbu jaqraw dwar Għawdex fil-gwerra, issa għandna dan il-ktieb b'żieda sostanzjali, imkabbar mill-ġdid b'ħafna riċerka, b'ħafna iktar ġrajjiet, fatti u dettalji. Charles Bezzina jżid jgħid li għarbel l-ewwel taqsima, żied tagħrif importanti u ta' interess, mess kważi l-kapitli kollha tat-tieni taqsima, aġġornahom b'ħafna tagħrif ġdid li kixef sal-lum, żied il-materjal u r-referenzi, u daħal iktar fl-aspett u l-impatt soċjali tal-poplu tagħna f'dawk iż-żminijiet imwiegħra. Għalkemm it-Tieni Gwerra fl-Ewropa bdiet f'Settembru 1939 u spiċċat f'Mejju 1945, għalina f'dawn il-gżejjer nistgħu ngħidu li bdiet fil-11 ta' Ġunju 1940 u spiċċat meta l-Italja ċediet f'Settembru 1943. Hemm pereżempju ħafna tagħrif ġdid dwar ix-xeltrijiet, dwar dak l-ajrudrom li kien inbena f'Għawdex, dwar ir-refuġjati Maltin f'Għawdex, il-ħajja f'Għawdex qabel il-gwerra, il-pro-Taljani f'Għawdex fi żmien il-gwerra, l-ordnijiet tas-sorijiet Maltin fostna, mini u sottomarini madwar Għawdex fi żmien il-gwerra.

Inħossni ċert li kull qarrej u studjuż tal-istorja għandu jsib dan il-volum tal-Melitensia tabilħaqq interessanti u ta' siwi dokumentarju kbir. In-numru kbir ta' referenzi li magħhom se jiltaqa' huma xhieda tar-riċerka vasta u kbira li saret biex inkiteb dan il-ktieb tul medda ta' ħafna u ħafna snin. Nemmen li din il-pubblikazzjoni se timla vojt u baħħ kbir fl-istorja tat-Tieni Gwerra f'Għawdex u għad tibqa' bħala tifkira dejjiema ta' dawk l-Għawdxin li ġarrbu, sofrew u mietu taħt il-qilla tal-gwerra.

Naħseb li din l-edizzjoni l-ġdida sejra timla l-vojt fl-istorja ta' Għawdex matul l-aħħar gwerra. Dan il-ktieb mhux intenzjonat li jsemmi l-bosta avvenimenti xejn sbieħ li ġraw f'Malta fi żmien il-gwerra, u li dwarhom inkiteb bosta. Lanqas ma hu maħsub biex b'mod ġenerali juri l-iżvilupp u l-mixja tal-gwerra fl-Ewropa, imma huwa limitat biss għal dak li ġara f'din id-daqsxejn ta' gżira. Mhux xi ktieb dwar xi ġrajja mistħajla, imma pubblikazzjoni ta' siwi dokumentarju li ġara f'Għawdex fi żmien il-gwerra. Huwa ktieb ta' referenza li nemmen li għandu jsib postu fuq l-ixkafef tal-Melitensia. Fl-aħħar nett huwa ktieb mitbugħ fuq l-għatba tat-tielet millennju li juri r-realtà ta' dak li ġarrbu n-nanniet tagħna madwar sittin sena ilu, żmien l-hemm u n-niket! Prosit lil A&M Printing tal-Qala li daħlu għal biċċa xogħol impenjattiva bħal din.



FR JOE GRIXTI OFMCap



# Il-preżenza tiegħi patri Kapuċċin fit-Turkija 1991-1993 (L-Ewwel Parti)

Il-preżenza tal-patrijiet Kapuċċini fit-Turkija kienet ġa ilha hemm għal ħafna snin. Il-provinċja tal-Emilia Romagna fl-Italja kienet bagħtet l-ewwel patrijiet tagħha fl-1927. Fis-sena 2014 saret kustodja. Fil-preżent il-kustodja tat-Turkija hija megħjuna minn provinċji oħra: tal-Polonja, tar-Rumanija u tal-Indja.

Insibu ħames kunventi tal-Kapuċċini: Yesilkoy f'Istanbul, Bayrakle f'Izmirna, Meryemana f'Selciuk, f'Efesu, f'Mersin mal-kosta tal-Mediterran u f'Iskanderum. Sintendi l-patrijiet ukoll jamministraw xi knejjes fejn m'hemmx fraternità stabbli, bħal Adana fil-preżent.

## Effetti tal-gwerra tal-Golf

Fil-Gwerra tal-Golf (1990-1991) ġewwa l-Iraq kienet inqalgħet mewġa ta' refuġjati għal ġot-Turkija, u wieħed irid jifhem ir-raġuni. Dan għaliex ir-refuġjati jfittxu li jaħarbu l-aktar 'il bogħod mill-gwerra ħalli jħossuhom aktar salvi mill-bombi. It-Turkija kienet l-aktar li laqgħet minn dawn ir-refuġjati. Kien hemm pajjiżi oħra li bdew jaħarbu lejhom xi wħud mir-refuġjati, bħall-Ġordan, is-Sirja, l-Iran, il-Kuwajt u anke l-Arabja Sawdija. Fil-fatt kien hemm xi numru żgħir li spiċċaw Malta wkoll, ma nafx kif!

Ġara li l-Insara bdew ifittxu l-aktar it-Turkija għaliex kienu jafu li mhumiex ser jerġgħu lura lejn l-Iraq. Dawn kienu jafu li ser jibdew vjaġġ iebes ieħor biex jilqagħhom xi pajjiż fil-Punent, peress li kienu tilfu kulma kienu akkumulaw matul ħajjithom, djar, postijiet tax-xogħol u anke l-belt jew raħal fejn kienu jgħixu, għax kien kollox qed jitfarrak madwarhom.

Din il-mewġa kbira ta' refuġjati ħolqot sfidi kbar u ġodda lill-patrijiet Kapuċċini li kienu jilqgħuhom fil-knisja ta' Mersin. Il-patrijiet bdew jilqgħu u jżommu ħafna familji fil-parti t'isfel tal-kunvent. Hemm kellhom xi kmamar li fihom kienu joqogħdu xi

*Benefatturi tal-missjoni ta' Mersin waqt l-ikel bħala mistednin fit-Turkija.*



ħaddiema li jkunu jagħmlu xi xogħol ta' manteniment fil-knisja, li kienet ftit kbira mhux ħażin u li dejjem kienet trid xogħol kontinwu ta' manutenzjoni. Dawn kien jieħu ħsiebhom Patri Gregorju, li kien jirranġalhom kif ikunu jistgħu joqogħdu u jitgezzu fil-kmamar li kien hemm.

Isfel, fl-ewwel sular, kien hemm kjostru kbir, speċi ta' bitħa, u sala kbira wkoll. Patri Gregorju Simonelli kien qabbad ftit mir-refuġjati li kienu joqogħdu hemm biex jgħinu fir-restawr ta' din is-sala, u hekk ġiet sabiħa ħafna, irranġata u miżbugħa, biex finalment setgħet tiġi użata. Patri Gregorju kien iħallashom tajjeb tax-xogħol, avolja kien jipprovdilhom l-ikel u fejn jorqdu, bil-għajnuna wkoll tal-Caritas Mersin. Dawn ir-refuġjati kienu wkoll jgħinu f'xi xogħol fil-knisja u anke kienu biddlu s-saqaf kollu tagħha b'madum ġdid li Patri Gregorju ġab mill-Italja. Ħafna minnhom kienu nies tas-sengħa jew tal-iskola. Ħallew il-pajjiż tagħhom kontra qalbhom, għax hekk kienu jgħiduli. Ma ġarrew xejn magħhom, telqu b'li kellhom fuqhom.

Xi wħud ħallew nofs il-familja warajhom. Dejjem sintendi kienu jkunu inkwetati dwar x'se jiġri minn dawk li ħallew warajhom. Kienu jkunu qalbhom sewda minħabba dak li għaddew minnu u għax x'inhu l-futur żgur ma kinux jafu. Kont nosserva li ħafna min-nisa kien jaqgħalhom xagħarhom. Meta staqsejt dwar din il-ħaġa, huma qaluli li r-raġuni kienet li kienu jitwerwru mill-jets, li kienu jgħaddu kważi jmissu mal-bjut. Fil-fatt din kienet sempliċi strateġija tal-gwerra, ħalli bil-ħsejjes orribbli tagħhom jintimidaw lill-popolazzjoni. Dawk li kienu jiġu fil-kunvent kienu kollha Nsara tar-rit Kaldew jew dak Assirjan.

## L-Insara jkollhom jaħarbu

Qaluli li fl-Iraq kienu jgħixu fil-paċi mal-Musulmani, li huma l-maġġoranza ġewwa pajjiżhom u l-Insara huma l-minoranza.



Il-Kardinal Bernardini

Ġara li meta bdiet il-gwerra bdiet tiġri ix-xniegħa li l-Insara ġejjin għalihom u n-NATO kienet fil-bidu li tagħmel kruċjata. Mela kienu dawruha bħala kruċjata kontra l-Musulmani. Hekk l-Insara ma kellhom ebda tama li jgħixu aktar fil-paċi mal-Musulmani. Huma kellhom soluzzjoni waħda biex isalvaw ħajjithom: dik li jaħarbu, jekk kien possibbli, biex jibdew ħajja ġdida ġewwa pajjiż ieħor, min jaf fejn! Din is-sitwazzjoni kienet iebsa għall-patrijiet Taljani, li ma kinux jafu jitkellmu bil-lingwa Ingliża. Għal din ir-raġuni l-provinċjal tagħhom talab lill-Ġeneral tal-Kapuċċini f'Ruma għal xi għajnuna minn xi provinċja li titkellem bl-Ingliż, u hekk ikollhom min jista' jikkomunika mar-

Fr Joe mal-lajċi missjunarji fi żjara fil-Kappadoċja



refuġjati u man-nies tan-Nazzjonijiet Uniti li kellhom b'xi mod jidħlu responsabbli minn dawn ir-refuġjati. Jidher li l-Ġeneral tal-Kapuċċini minn Ruma ssuġġerielhom il-provinċja tal-Kapuċċini ta' Malta. Dan sirt nafu mill-Provinċjal ta' dak iż-żmien, Patri Franġisku Azzopardi.

Jiena kont ilni ftit xhur li ġejt mill-missjoni ġewwa l-Kenja u kont qisni għadni ma sibtx saqajja hawn Malta. Spiċċajt indur l-isptarijiet, minn wieħed għal ieħor. Patri Franġisku, il-Provinċjal, sejjaħli u kellimni dwar din is-sitwazzjoni. Inkoraġġieni, anzi talabni mill-ewwel, biex immur nagħti l-għajnuna tiegħi hemmhekk. Kien Awwissu tas-sena 1991. Issuġġerieli li l-ewwel immur għal ftit, ħalli nara kif kien ix-xogħol u x'qed isir. Qalli wkoll li jekk ma jogħġobnix inkun nista' nirritorna Malta. Kif aċċettajt, il-Provinċjal tat-Taljani għamilli booking malajr għal Istanbul, waqt li d-destinazzjoni finali tiegħi qalli li kellha tkun Mersin.

Meta nżilt ġewwa Istanbul mort fil-kunvent ta' Yesilkoy għal ftit granet. Wara ħaduni bil-karozza u wasalna Mersin xi ħdax-il siegħa wara. Ngħid il-verità, wara ftit granet ma tantx kont ninsab kuntent bis-sitwazzjoni li sibt, speċjalment il-mod kif kienu jintlaqgħu r-refuġjati. Dan l-atteġġjament mar-refuġjati nsibuh f'ħafna pajjiżi tad-dinja. Hija problema li fil-preżent qed insibuha tolqot id-dinja kollha. Ma kinitx niżlitli ġo qalbi.





Tfal tar-refuġjati Iraqin fil-knisja

Wara xahar erġajt lura Malta u għedt lill-Provinċjal bis-sitwazzjoni, li ma kinitx faċli, u li ma xtaqtx nerġa' nitla'. Dan ma ħax pjaċir, għaliex issa kien laħaq wiegħed li jibgħat l-għajnuna tiegħu minn Malta. Kont għadni ġej mill-missjoni tal-Kenja. Meta l-Provinċjal Taljan sar jaf li jiena ma kontx se nerġa' lura lejn it-Turkija ddeċieda li jiġi hu stess lejn Malta biex jitkellem mal-Provinċjal Patri Franġisku u miegħi, biex forsi jerġa' jikkonvinċini ħalli mmur lura. Meta kellu jasal Malta, il-Provinċjal u jien morna nilqgħuh l-ajruport. Malli sellimna lil xulxin mill-ewwel dar fuqi u staqsieni għaliex ma kontx biħsiebni nerġa nitla' t-Turkija.



*Il-Kardinal Bernardini mal-Arċisqof ta' Izmirna Giuseppe Germano Bernardin u l-kappillan tal-bażi militari Amerikana f'Incerlik*

FR PHILIP CUTAJAR OFMCap



# Aħwa li daħlu fil-ħajja ta' dejjem

## ĦUNA PATRI PIETRU PAWL SCHEMBRI

**"Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi" (2 Timotju 4:7)**

Matul is-sena li għadna kif spiċċajna tlifna t-tielet wieħed minn ħutna l-patrijiet. Wara l-firda ta' Ħutna Patri Ġwakkin Mercieca OFMCap (25 ta' Frar 2021) u ta' Patri Ġużeppi Muscat OFMCap (30 ta' Lulju 2021), fis-6 ta' Awwissu 2021, festa solenni ta' Kristu Salvatur, tħabbret il-mewt ta' Ħuna Pietru Pawl Schembri OFMCap. Huwa kien irtirat residenti fid-Dar tal-Kleru – Christus Sacerdos – f'Birkirkara.

Patri Pietru Pawl Schembri twieled fil-parroċċa tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa nhar id-29 ta' Awwissu tas-sena 1932. Il-ġenituri tiegħu kienu missieru Wiġi u ommu Marija Konċetta xebba Zammit. Fil-magħmudija ngħata l-isem ta' Giovanni. Daħal fil-ħajja ta' dejjem nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Awwissu 2021 fl-età ta' 88 sena. Li kieku baqa' 23 ġurnata oħra magħna kien jiċċelebra għeluq id-89 sena.

### Mixja lejn l-għejxien tal-kariżma Franġiskana

Il-fatt li Giovanni kien midħla tal-patrijiet Kapuċċini fil-parroċċa tal-Marsa, l-imġiba u l-eżempji tajba tagħhom żgur li kienu elementi li għenuh sabiex mhux biss iħoss is-sejħa li jingħaqad magħhom imma li wkoll jirnexxilu jgħixha sal-aħħar. Huwa diġà kellu lil ħuh akbar minnu li kien diġà qablu għamel l-istess pass u ħa l-istess deċiżjoni. Qed nirreferi għal ħuh Patri Alex Schembri. Żewġt aħwa wlied familja waħda jidħlu biex jagħmlu parti minn ulied San Franġisk ta' Assisi.



*Ħuna P. Pietru Pawl fil-ħin liberu tiegħu jagħti l-għajnuna meħtieġa fil-kċina*

Iż-żagħżugħ Giovanni, wara process ta' dixxerniment u anke mixja ta' studji varji, speċjalment fit-tagħlim tal-Latin, is-superjuri jsejħulu sabiex jingħaqad fil-provinċja tagħna l-Kapuċċini bħala novizz nhar it-18 ta' Settembru tas-sena 1949. Dakinhar Giovanni ngħata l-isem ġdid ta' Fra Pietru Pawl Schembri mill-Marsa. Wara sena ta' prova permezz tan-novizzjat ġie aċċettat sabiex jagħmel l-ewwel professjoni reliġjuża tiegħu nhar l-1 ta' Ottubru tas-sena 1950. Il-weghdiet solenni,





Il-ġenituri ta' Ħuna P. Pietru Pawl

Il-familja Schembri. Ħuna P. Pietru Pawl l-iżgħar fost ħutu

jew hekk kif kienu msejħa 'l-professjoni perpetwa', jiġifieri li jgħix għal ħajtu kollha l-kunsilji evanġeliċi tal-ubbidjenza, il-faqar u s-safa bi spirtu Franġiskan, wettaqhom nhar l-4 ta' Ottubru tas-sena 1953, festa ta' San Franġisk Missierna.

Wara s-snin ta' studji akkademiċi tal-filosofija u t-teoloġija fil-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana huwa ġie ordnat presbiteru nhar l-14 ta' Marzu tas-sena 1959 minn idejn l-Arċisqof ta' Malta Mons. Mikiel Gonzi. Miegħu kien hemm ukoll Ħuna Patri Joe Mallia, sal-lum mimli bil-għomor. Bħala saċerdot novell iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa, fejn twieled. Huwa kien assistit minn ħuh P. Alex Schembri, Kapuċċin. Ħuna P. Pietru Pawl għadda 62 sena ta' ħajja saċerdotali ddedikati kollha kemm huma għall-oħrajn bil-għan li jfittex lil Alla fil-qadi tiegħu ma' min is-superjuri kienu jibagħtuh, u huwa dejjem mar b'ubbidjenza kbira.

## Ħidmiet pastorali f'Malta u barra minn Malta

Nistgħu naqsmu l-ħidmiet pastorali ta' Ħuna Patri Pietru Pawl Schembri fi tliet mumenti, it-tlieta li huma meħtieġa fi ħdan il-Knisja, it-tlieta li huma jesprimu l-kariżma Franġiskana u t-tlieta li huma wettaqhom b'suċċess għall-glorja ta' Alla. Dawn it-tliet tipi ta' ħidmiet pastorali li dan Ħuna wettaq bl-akbar impenn, imħabba u dedikazzjoni kienu:

a) il-ħidma tiegħu mal-abbatini fil-kunvent tal-Furjana u aktar tard f'Għawdex;
b) missjunarju għal 5 snin f'Medellin, il-Kolombja;
ċ) ħidmiet pastorali ta' assistenza spiritwali mal-morda f'diversi sptarijiet.

Fra Pietru Pawl flimkien ma' sħabu n-novizzi f'Għawdex u l-Mastru Patri Bernard

P. Pietru Pawl bħala abbati flimkien ma P. Publius Cassar fil-knisja tal-Marsa, it-Trinità Qaddisa. P. Pietru Pawl l-ewwe wieħed bilwieqfa fuq ix-xellug (1960)









2b. Jum il-professjoni perpetwa ta' Fra Pietru Pawl Schembri nhar l-4 ta' Ottubru 1955 minn idejn Patri Timotju OFMCap, Ministru Provinċjali

Il-familja Schembri miġbura flimkien

Nagħtu tagħrif ħafif fuq kull waħda minn dawn il-ħidmiet pastorali li Ħuna Pietru Pawl baqa' msemmi għalihom.

## Ħidma pastorali mal-abbatini

Din hija ħidma li kienet ferm għal qalb Ħuna Patri Pietru Pawl. L-abbatini li kienu miegħu aktar minn 50 sena llum kibru u saru nanniet, u baqgħu jħobbuh u jħarsu lejh bħala dak li tahom formazzjoni tassew Nisranija u mħabba kbira lejn l-artal. Kif qal tajjeb ferm il-Ministru Provinċjali fl-omelija tal-funeral ta' Ħuna, huwa ma kienx biss jieħu ħsieb l-abbatini bil-għan li jkunu hemm ħalli jagħtu servizz billi jgħinu fil-quddies, imma kien jagħtihom formazzjoni umana u Nisranija sħiħa.

F'mument minnhom il-Ministru Provinċjali għamel referenza għall-ħidma ta' Patri Pietru Pawl mal-abbatini u fl-omelija tiegħu qal:

"Però l-ewwel ħidma pastorali tiegħu wettaqha f'dan il-kunvent tagħna tal-Furjana, fejn kien direttur tal-abbatini. Kellu numru sabiħ ta' abbatini. L-abbatini kien jiġborhom diversi drabi fil-ġimgħa biex jagħmlilhom laqgħat ta' formazzjoni Nisranija u fil-liturġija, u wkoll ħruġ rikreattiv. Meta P. Pietru Pawl spiċċa minn mal-abbatini biex imur bħala missjunarju fil-Kolombja, l-abbatini niżlu bi ħġarhom ixejrulu hu u sejjer bid-dgħajsa biex jitla' fuq il-vapur. Minn dawk l-abbatini ħarġu anke vokazzjonijiet: Ħutna Anton Ciangura, Publius Mair, Publius Libreri u Joe Libreri. Il-ħidma ta' dan Ħuna kienet effikaċi u Alla berikha f'vokazzjonijiet lill-provinċja u lill-Ordni tagħna."

Din il-ħidma siewja fil-ħajja tal-Knisja,

Il-familja Schembri jżuru lil Fra Pietru Pawl fin-novizzjat f'Għawdex

Il-ġenituri Wigi u Concetta flimkien maż-żewġ uliedhom kapuċċini P. Alex u P. Pieitru Pawl









*P. Pietru Pawl, saċerdot novell, jiċċelebra l-Ewwel Quddiesa solenni tiegħu nhar il-Ħadd, 19 ta' April 1959*

*L-Ewwel Quddiesa solenni ta' P. Pietru Pawl - il-bewsa tal-omm*

jiġifieri li tieħu ħsieb lil dawk li huma bħal xtieli li minnhom jiddependi l-futur mhux biss tal-Knisja imma anke tan-nazzjon, Ħuna Patri Pietru Pawl baqa' jwettaqha anke meta kien bħala missjunarju fil-Kolombja kif ukoll wara li temm is-sejħa missjunarja tiegħu u rritorna għal ftit snin fil-kunvent ta' Għawdex, fejn kien ukoll viċi mastru tan-novizzi u ekonomu tal-fraternità.

## Missjunarju fil-Kolombja

Is-sejħa missjunarja, kif kien jgħid hu stess, minn dejjem kienet tbaqbaq fil-qalb ta' Ħuna Pietru Pawl. Xtaq iwieġeb qabel għal din is-sejħa, li kien iħossha ferm qawwija fil-qalb tiegħu, imma ż-żmien kien għadu ma wasalx. Sakemm fl-aħħar is-superjuri tal-Ordni Franġiskan Kapuċċin f'Ruma għamlu sejħa lis-superjuri tal-provinċja tal-Kapuċċini f'Malta bil-għan li jinstabu xi patrijiet li jkunu lesti li jmorru jagħtu daqqa t'id f'ħidma missjunarja ġewwa l-Amerika Latina, eżattament f'Medellin, il-Kolombja. Lil Ħuna Patri Pietru Pawl insibuh bħala missjunarju fil-Kolombja flimkien mal-Aħwa Patri Ġwakkin Mercieca, Patri Mudest Gatt, Patri Leo White u P. Sebastian Bonavia. Dawn il-missjunarji fil-Kolombja kienu telqu minn Malta nhar id-19 ta' Ġunju tas-sena 1963 u rritornaw lura definittivament nhar id-29 ta' April tas-sena 1967, kważi ħames snin wara. Dan kien ifisser li Ħuna P. Pietru Pawl telaq lejn il-Kolombja bħala missjunarju 4 snin wara li kien sar saċerdot.

Ħuna P. Pietru Pawl meta kien jitkellem dwar l-esperjenzi tiegħu ġewwa l-Kolombja wiċċu kien jixgħel bil-ferħ. Hija realtà li meta wieħed jinnamra mal-ħidma missjunarja ma jkunx irid jitlaqha. Huwa studja tajjeb

*Mument mill-Ewwel Quddiesa Solenni fil-knisja parrikkjali tat-Trinità Qaddisa il-Marsa*

*Ħutna P. Alex u P. Pietru Pawl jassistu għaz-zwieġ ta' oħthom Mary*











*Patri Pietru Pawl Schembri*

*Iż-żewġt aħwa kapuċċini P. Pietru Pawl u ħuh P. Alex Schembri*

*P. Pietru Pawl Schembri qawel ma siefer lejn il-Kolombja*

l-Ispanjol billi ħa kors komplut fi skola apposta għall-barranin. Baqa' jiftakru sal-aħħar. Kemm għaddejna ħinijiet hu u jiena nipprattikaw l-Ispanjol li tgħallimna, hu għall-Kolombja u jiena għal Kuba!

## Ħidmiet pastorali mal-morda f'diversi sptarijiet

Ħidma pastorali li timmarka l-aħħar fażi tal-ħajja tiegħu u li għexha, bħat-tnejn ta' qabilha, bl-akbar imħabba u dedikazzjoni, kienet dik tal-preżenza tiegħu mal-morda fl-isptarijiet. Aspett li l-Ministru Provinċjali Ħuna Patri Effie Mallia għamel enfasi dwaru matul l-omelija tal-funeral kien li "ħadem bħala kappillan fl-isptar tal-Lazzarett fost mard li jittieħed, fir-Residenza San Vinċenz De Paule għal ħafna snin u meta kiber fir-residenza tal-anzjani l-Imtarfa."

Peress li s-sistema tal-ħidma tagħna fl-isptarijiet kienet tinqasam bejn żewġ aħwa Kapuċċini li jalternaw ġimgħa kull wieħed, meta P. Pietru Pawl kien ikun wasal iż-żmien tal-ġimgħa tiegħu kont tarah jibda jipprepara l-bagalji minn tlett ijiem qabel. Kien ikollu ħeġġa, ħerqa u entużjażmu sabiex imur jgħix il-ġimgħa tiegħu mal-morda bħala kappillan. Għalkemm il-ħajja tiegħu fil-fraternità kien jgħożżha u jgħixha, hekk kif qal il-Ministru Provinċjali, bl-akbar *allegría*, però huwa kien kapaċi l-istess *allegría* li kien jgħix magħna fil-kunvent iġorrha miegħu mal-morda fl-isptarijiet li tant kienu jkunu qed jistennewh.

L-aħħar sptar li fih ta l-qadi tiegħu bħala kappillan sakemm irtira minħabba saħħtu kien dak tal-Imtarfa. Hemmhekk il-morda kienu jħobbuh ħafna, tant li xtaqu ħafna

*Il-ħames missjunarju li marru l-Kolombja flimkien ma' P. Fortunatu Pulis, Ministru Provinċjali, fid-19 ta' Ġunju 1963*

*Bħala kappillan tal-isptar tal-Imtarfa jmexxi ċ-ċelebrazzjoni ta' Kristu Salvatur - patrun tal-kappella u tal-isptar*









*Parti miċ-ċelebrazzjoni ta' Kristu Salvatur fil-kappella tal-isptar tal-Imtarfa*

*Flimkien ma' P. Raymond Bonnici hemm it-tliet kappillani li taw sehemhom fl-isptar tal-Imtarfa P. PP Schembri, P. Frans Abela Giusti u P. Wistin Attard*

jkunu preżenti magħna fil-funeral tiegħu, imma ma ġewx. Ma ġewx għax dan kien il-parir tat-tobba tagħhom, minħabba li dakinhar kien jum ta' sħana kbira. Il-privates bin-nurses kienu diġà ppreparati, imma minflok il-manager tal-isptar tal-Imtarfa bagħat lis-Sur Pawlu Zammit (li ħadem ħafna kemm ma' P. Pietru Pawl kif ukoll ma' P. Frans Abela Giusti) għall-funeral bħala rappreżentant.

## Kwalitajiet li jibqgħu f'moħħna

Ma' dawn il-ħidmiet pastorali li semmejna, ħidmiet li Ħuna P. Pietru Pawl għexhom matul it-62 sena bħala saċerdot, żgur li nibqgħu nammiraw fih ċerti kwalitajiet jew aħjar virtujiet li min kien jgħix miegħu kien jammira. Kien bniedem puntwali u ta' ċerta eżattezza imma mhux esaġerata; pjuttost flessibbli; il-ħinijiet tat-talb qatt ma kien ifallihom fil-fraternità; il-ferħ li kien jippossiedi, li diġà għamilna referenza għalih meta ktibna dwar l-*allegría*; l-indafa mhux biss fiżika imma anke dik spiritwali. Kien bniedem edukat, ġentili u jaf ikompli ma' kulħadd, jaf jirrispetta mingħajr ma tisma' minn fommu xi kelma kontra xi ħadd. U diversi virtujiet oħra li lkoll kemm aħna għandna nixxennqu li jkollna f'ħajjitna.

## L-aħħar tislima

Wara ftit taż-żmien li għadda rikoverat fid-Dar tal-Kleru Ħuna Patri Pietru Pawl Schembri daħal fl-eternità nhar is-6 ta' Awwissu 2021. Il-funeral tiegħu sar is-Sibt, 7 ta' Awwissu 2021 fil-knisja tas-Salib Imqaddes tal-Kapuċċini fil-Furjana. Il-quddiesa konċelebrata, bil-preżenza ta' diversi saċerdoti, kienet immexxija minn Ħuna l-Ministru Provinċjali Patri Effie Mallia, li għamel ukoll id-diskors tal-aħħar. Kienu preżenti diversi familjari u ħbieb,

*Patri Pietru Pawl Schembri flimkien ma' P. Joe Mallia f'għeluq is-60 sena saċerdoti*

*8a. P. Joe Mallia jawgura lil PP Schembri f'għeluq is-60 sena bħala presbiteru*







*P. Pietru Pawl Schembri f'mument ta' mistrieħ wara li temm ix-xogħol tiegħu*

fosthom ex abbatini li Patri Pietru Pawl kien direttur tagħhom. Huwa ndifen fl-oqbra tagħna l-Kapuċċini fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata, f'Raħal Ġdid.

AGĦTIH, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM,
ID-DAWL TA' DEJJEM JIDDI LILU.
AMMEN.





# MARATONA MISSJONI
# 28 – 29 – 30 TA' JANNAR 2022

## GĦAL SENA OĦRA SER TIĠI ORGANIZZATA L-MARATONA
## "IL-MISSJONI GĦANDHA BŻONNOK"

### MILL-FONDAZZJONI U

**IL-MISSJONI TAGĦNA L-KAPUĊĊINI SER TKUN FOST IL-BENEFIĊJARJI. GĦALHEKK INĦEĠĠUKOM SABIEX TKUNU ĠENERUŻI.**

TIXXANDAR FUQ L-ISTAZZJONIJIET KOLLHA TAT-TELEVIŻJONI MALTIN

FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap



# Tiżjin bi ħsieb attwali

Xahar qabel il-Milied jinxtegħlu d-dwalijiet speċjali fit-toroq, in-negozji, il-ħwienet, il-każini u ħafna aktar. Fil-kunvent ukoll. Aħna li qegħdin il-Furjana naraw ħafna madwarna u fit-toroq quddiemna.

Imma l-kunvent ma jkunx nieqes. Ilkoll inkunu rridu nuru l-ferħ ta' dawn il-jiem b'ħafna modi... fit-talb qabelxejn u t-tħejjija tal-knisja u ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, flimkien mal-Bambin u l-presepju.

Imma Ħuna Luċjanu, li dejjem jhewden kif jagħmel dan minn sena għal oħra u waħda aħjar minn ta' qabilha, dis-sena ried ifakkarna lkoll – u jien miegħu permezz tad-*Dawl Franġiskan* infakkar lilkom x'għamel.

Ekku! Il-Bambin din id-darba minflok ġo maxtura ried iqiegħdu ġo DGĦAJSA! Veru ħsieb li laqatni mill-ewwel kif rajtu f'tarf il-kuritur ħdejn il-kappella tal-kunvent. Fil-għoli San Franġisk, dejjem marbut ħaġa waħda mal-presepju, dwal u aktar. Imma l-Bambin Ġesù ried iqiegħdu f'dgħajsa!

Ċertament mhix ħaġa reali! 'Il bogħod mir-rakkonti veri li għandna! Imma realtà kbira u verissima li qed ngħixu kuljum madwarna u issa ilna narawha tiġġedded kważi b'mod regolari... Ġesù llum qed jitwieled u jgħix ukoll anke jekk għal ftit ġewwa dgħajsa... f'ħutna l-immigranti jew emigranti... li ħafna minnhom qed jipperikolaw ħajjithom u jmutu wkoll, anke trabi tat-twelid!

Veru ġest sabiħ ħafna. Ifakkarna lilna lkoll li dawn ħutna, kif qalilna l-Papa Franġisku diversi drabi, huma Ġesù nnifsu. Għax Ġesù stess qalilna: "Dak kollu li tagħmlu ma' wieħed minn dawn ħuti, qed tagħmluh miegħi." (Mt. 25, 40)

Nippruvaw ilkoll inżommu dal-kliem quddiemna meta nitkellmu, jew niktbu, jew anke ngħinu b'kull mod, anke ċkejken, lil dawn ħutna: dan inkunu qed nagħmluh ma' Ġesù nnifsu. Dan inissel ferħ li ma tiddeskrivihx u jispirak dejjem aktar bi mħabba dejjem akbar imsieħba bil-fatti. U dal-ferħ ma jintemmx meta nneħħu t-tiżjin tal-Milied.



# MID-DJARJU TAL-KAPUĊĊINI MALTIN AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA



BR MIGUEL ZAMMIT OFMCap
SEGRETARJU PROVINĊJALI

## 1. Festa ta' San Mikiel u pubblikazzjoni ġdida



Nhar l-Erbgħa 29 ta' Settembru fil-knisja tagħna tal-Furjana Fr Joe Buttigieg mexxa r-rużarju ta' San Mikiel u talb ieħor, u wara saret konċelebrazzjoni fil-festa tal-Arkanġli b'aċċenn partikolari għal San Mikiel b'rabta mad-dehriet tal-Prinċep tal-Anġli lil Fra Adriano minn Castro San Giovanni fil-kunvent tagħna. Fl-omelija tal-okkażjoni l-Papas Martin Zammit tkellem dwar l-anġli u r-relazzjoni tagħhom ma' Alla u magħna l-bnedmin fl-Iskrittura Mqaddsa kif ukoll fil-ħajja Nisranija li qegħdin ngħixu llum, bl-isfidi kbar li joffrulna s-Sataniżmu u l-okkult ta' diversi forom.




Dakinhar Fr Joe nieda ktieb ġdid ta' talb lill-anġli u lill-arkanġli (speċjalment lil San Mikiel) għall-prezz ta' €4. Kif jgħid huwa stess fid-daħla għal dan il-ktieb, dan mhux sempliċi ktieb ieħor ta' devozzjonijiet imma strument li jdaħħalna f'moviment ta' talb mal-istess anġli u arkanġli, l-aktar mal-Prinċep tagħhom San Mikiel, fit-taqbida kontra x-xitan u l-anġli tiegħu, bħala arma qawwija fl-evanġelizzazzjoni l-ġdida, u ta' għajnuna fid-dixxerniment tal-ispirti.

Diversi kienu l-aħwa tagħna flimkien ma' saċerdoti oħra li kkonċelebraw flimkien ma' Ħuna Joe. Fost in-nies li ħonqu l-knisja tagħna kienu preżenti wkoll rappreżentanza mir-Royal Order of St Michael of the Wing (of the Royal Portuguese House) u tal-fratellanza ta' San Mikiel mill-parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi u tal-parroċċa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar. Iċ-ċelebrazzjoni, li xxandret live fuq Radju Marija, intemmet bit-tberik u t-tqassim tal-ħelu ta' San Mikiel, imħejji mill-gwardjan tal-fraternità Ħuna Paul Bugeja. Ħuna Joe jirringrazzja lil kull min ta s-sehem tiegħu f'din il-festa u lis-Sur Stanley Spiteri tal-għajnuna fit-tfassil tal-ktieb.

## 2. Niċċelebraw Festa San Franġisk flimkien



Nhar it-Tnejn, 4 ta' Ottubru 2021 iċċelebrajna lkoll flimkien il-festa ta' missierna San Franġisk. Wara li kull fraternità ċċelebrat il-festa tal-patrun tagħna f'xi jum determinat magħżul minnha, aħna bħala fraternità provinċjali din is-sena kellna żewġ mumenti flimkien f'din il-ġurnata. Filgħodu ltqajna lkoll fil-knisja tagħna tas-Salib Imqaddes tal-Furjana, fejn tlabna t-Talba ta' Nofs il-Jum u wara qsamna mument fratern permezz ta' ikla fir-refettorju tal-kunvent.

Waqt il-mument ta' talb li kellna l-Ministru Provinċjali Fr Effie Mallia wassal il-messaġġ tiegħu fl-okkażjoni ta' din il-festa tant għażiża għalina. Huwa enfasizza l-importanza tal-ħajja fraterna u biex inħallu lil dan il-qaddis ikun għalina ta' eżempju ta' kif ngħix mal-aħwa fil-fraternità. Huwa spjega wkoll kif l-għajxien sewwa tal-ħajja fraterna u tal-ħajja reliġjuża jistgħu jkunu mod kif il-vokazzjonijiet jinbtu fil-ħajja ta' aktar





żgħażagħ. Tenna li lkoll kemm aħna aħna promoturi vokazzjonali.

Filgħaxija, imbagħad, iltqajna flimkien għall-quddiesa tal-festa, din id-darba fil-knisja parrokkjali ta' San Ġwann. Waqt din il-quddiesa, immexxija mill-Ministru Provinċjali, fakkarna lkoll il-ħajja ta' dan il-qaddis, li għalkemm għex tmien mitt sena ilu għadu relevanti mhux biss għalina bħala aħwa Franġiskani Kapuċċini imma anke għall-Insara kollha ta' rieda tajba. L-omelija waqt din il-quddiesa saret minn Mons. Daniel Xerri, li fiha huwa qasam magħna tliet punti mill-ħajja ta' San Franġisk: il-libertà, il-faqar u l-fraternità. Wara l-quddiesa sar imbagħad it-Tranżitu ta' Missierna San Franġisk, u anke l-aħwa miġbura ġeddew il-voti reliġjużi tagħhom quddiem il-preżenza ta' Ġesù Sagramentat. Kienet ġurnata sabiħa li tassew ilkoll bħala aħwa ċċelebrajna flimkien din il-festa, kemm bejnietna bħala provinċja u anke man-nies li attendew għall-quddiesa ta' filgħaxija.

## 3. Itemm tletin sena ta' tagħlim fl-Università ta' Malta



Ħuna John Vella OFMCap mill-Marsa, temm kważi tletin sena ta' ħidma fil-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, fl-Università ta' Malta. Matul dawn is-snin kollha Ħuna John wettaq ħidma ta' students' advisor bħala 'counsellor' u ta' tagħlim fl-Upgrading Courses u korsijiet oħra indirizzati lil dawk li kienu qed jippreparaw ruħhom biex jiggradwaw bħala nurses, midwives, radiographers, occupational therapists, physios u oħrajn li kienu diġà ggradwati. Is-suġġetti kienu jikkonċernaw l-oqsma tal-etika u l-komunikazzjoni, id-drittijiet u l-obbligi tal-morda u l-anzjani, mal-qrabi u l-istaff stess tal-isptar, psikoloġija u spiritwalità tal-morda u l-anzjani. Huwa kien jgħin ukoll fil-preparazzjoni ta' kif għandhom jingħataw ċerti lectures f'dawn l-oqsma. Huwa baqa f'kuntatt ma' numru ta' nurses u midwives li matul is-snin iggradwaw biex ikompli jgħinhom fil-ħidmiet tagħhom. Ħuna John ħadem f'dik li kienet imsejħa n-Nursing School, li mbagħad bdiet tissejjaħ l-Institute of Health Care li aktar tard żviluppa bħala fakultà fl-Università ta' Malta. Ħuna John Vella għamel dan kollu wara li kien iggradwa MA, fit-Teoloġija Pastorali tas-Saħħa, mill-Instituto Internazionale di Teologia Pastorale Sanitaria, fil-Camillianum f'Ruma. Lura Malta huwa applika u ġie aċċettat għal din il-ħidma fil-qasam akkademiku f'relazzjoni mas-saħħa. Matul dawn is-snin Ħuna John baqa' wkoll jaġġorna billi attenda numru ta' konferenzi internazzjonali f'pajjiżi differenti. Huwa kien ukoll fil-European Network of Health Care Chaplaincy. Huwa kiteb ukoll xi artikli dwar dan il-qasam. Huwa kien ukoll membru fil-Kumitat li ħa ħsieb ifassal l-Etika fil-Farmaċija.

Il-Ġimgħa, 1 ta' Ottubru 2021, il-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa organizzat attività sabiex issellem lil Ħuna John u tirringrazzjah għal din il-ħidma twila u fejjieda li huwa wettaq fis-skiet. F'din l-okkażjoni l-Viċi Dekan ippreżenta lil Ħuna John plakka tal-fidda bl-emblema tal-Università ta' Malta u li fiha hemm ukoll imnaqqax il-kliem: "With Appreciation and Gratitude to Fr John Vella for his sterling service to the Faculty of Health Sciences throughout the years."



FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap

# Il-Knisja b'għajnuna lill-immigranti... u lin-nies fil-bżonn

Il-Knisja minn dejjem kienet fuq quddiem nett biex tgħin nies fil-bżonn u f'kull xorta ta' ħtieġa li dehret f'kull epoka. Sa mill-bidu nett din kienet il-kwalità li ġibdet l-attenzjoni wkoll ta' dawk li ma kinux jemmnu. L-istess ktieb tal-Atti tal-Appostli u l-Ittri ta' San Pietru u San Pawl jixhdu dan.

Matul il-medda tas-snin, fid-dinja u wkoll fostna l-Knisja kompliet b'bosta ħidmiet li juru din il-kwalità sabiħa.

Il-Papa Franġisku, bħall-papiet kollha ta' qablu, komplew dil-ħidma biex juruna li aħna wkoll jeħtiġilna nkomplu.

Fiż-żjajjar tiegħu l-Papa dejjem fittex li jkun tassew qrib in-nies l-aktar fil-bżonn. Hekk għamel f'Assisi meta ried jiekol ma' madwar 500 fqir u emigrant mill-Ewropa. Ukoll meta kien Ċipru f'Diċembru li għadda huwa ltaqa' personalment ma' gruppi hekk u ried jisma' minn fommhom dak li jgħaddu minnu bosta, fosthom tfal, li ħafna minn sħabhom jitilfu ħajjithom.

Wara li x-xahar li għadda ktibt xi ħaġa żgħira fuq il-monument li jfakkar għal dejjem fil-bronż din ir-realtà kbira ta' qsim il-qalb li qed ngħixu – u fl-istess waqt hu wirja ta' solidarjetà ma' min qiegħed tassew ibati – illum nixtieq nieqaf biss fuq dan ir-ritratt li qed inwasslilkom. Wara z-zjara ta' għadd kbir ta' tfal u żgħażagħ il-Papa wriehom "souvenir" speċjali li kien mogħti lilu b'tifkira ta' fatt li tassew jaqsam il-qalb ta' kull min għad fadallu sentiment, anke sempliċiment uman, mhux biss Nisrani! U mhux ta' min jinsieh! Dan kien jikkonsisti f'libsa tas-salvataġġ ta' tifla



*Il-Qaddejja t'Alla Maria Cristina Cella Morcellin ma' żewġha Carlo u t-tfal Francesco, Lucia u Riccardo ftit qabel ma mietet*

żgħira li dak li pprova jsalvaha b'dispjaċir kbir jistqarr li ma rnexxilux jirbaħ il-mewġ qawwi biex isalvaha u għerqet f'nofs ta' baħar. Il-Papa ried li din tinżamm biex tfakkar lil kull min jaraha f'din it-traġedja umana. Ilkoll irridu niftakru li f'dan is-seklu 21, seklu ta' progress u ġid bl-abbundanza għal ħafna... hawn oħrajn, li l-Mulej waħdu jaf il-għadd tagħhom sewwa, li qed iħallu ħajjithom fl-ibħra kbar ta' madwarna biex ifittxu ħajja aħjar, mhux biss madwarna imma fi nħawi oħra wkoll tad-dinja.

Pajjiżna, għalkemm żgħir u limitat fir-riżorsi, jipprova jagħti sehmu f'din l-operazzjoni. Il-Knisja wkoll, bil-mezzi li għandha u l-assoċjazzjonijiet fi ħdanha, l-NGOs u korpi oħrajn u kull min jista' –

ukoll min għandu l-mezzi u qed joffri minn dak li pprovdielu l-Mulej – qed nippruvaw nuru din is-solidarjetà bil-fatti.

Waqt talb ekumeniku f'Ċipru l-Papa sema' l-erba' esperjenzi ta' żgħażagħ mill-Iraq, il-Kongo, is-Sri Lanka u l-Kamerun. Imbagħad, f'diskors li għamel, fost ħwejjeġ oħra huwa qal:

"Alla jitlob minna li ma nkunux kuntenti b'dinja mifruda, komunitajiet Insara mifrudin, imma li nterrqu t-toroq tal-istorja bil-ħolma tiegħu stess: il-ħolma ta' umanità ħielsa mill-ħitan ta' firdiet u qsim, ħielsa mill-ġlied u mill-firdiet, fejn ma jkunx hemm aktar barranin imma ċittadini flimkien. Dawn iċ-ċittadini huma diversi, imma kburin bid-diversità u l-individwalità li huma rigali t'Alla. Inkunu ċittadini flimkien, magħqudin u ħaġa waħda."

Il-Papa jkompli: "Din il-fraternità sseħħ jekk nagħrfu b'mod effettiv id-dinjità ta' kull persuna umana (ara *Fratelli Tutti*, 8). Din hija l-pedament tal-imġiba kollha, pedament universali li huwa l-qalba tat-tagħlim soċjali tal-Knisja. It-tieni, li nkunu miftuħin b'fiduċja għal Alla, il-Missier ta' kulħadd: din hija "l-ħmira" bħala nies li nemmnu u li aħna msejħin biex noffru lill-oħrajn (ibid. 272)." Jekk dawn iż-żewġ ħwejjeġ iseħħu, temm il-Papa, inkunu bis-sabar kollu qed interrqu t-triq li twassalna fl-art li ħejjielna, fejn jekk in-nies isaqsuk "Inti min inti?" tkun tista' twieġeb fil-pront "Jiena ħuk"; "Jiena oħtok".

Interessanti ħafna kienet l-okkażjoni meta l-President ta' Malta Dr George Vella u l-Arċisqof Mons. Scicluna, fl-1 ta' Diċembru, flimkien żaru l-uffiċċji temporanji tal-Community Chest Fund f'binja offruta mill-Knisja fil-Belt Valletta. It-tnejn faħħru l-ħidma ta' xulxin għal għan hekk nobbli: ngħinu dejjem lil min hu fil-bżonn. Imma tajjeb dejjem inżommu quddiem għajnejna li dak li nagħmlu mal-oħrajn, huma min huma, qed nagħmluh ma' Ġesù nnifsu.

Aħbar oħra sabiħa... li ddawwalna fid-diskussjoni dwar l-abort...

Ftit ilu l-Papa Franġisku awtorizza d-devozzjoni lejn Maria Cristina Cella Morcellin, omm ta' żewġt itfal, Francesco u Luċia, u li kienet tqila bit-tielet tarbija



*Il-Papa juri l-libsa tas-salvataġġ ta' tifla żgħira li tah wieħed li kien qed jipprova jsalvaha biex tasal l-Italja imma li għerqet fost il-mewġ qawwi*

meta tfaċċatilha għat-tieni darba sarkoma f'riġilha x-xellugi. B'din l-approvazzjoni tal-Papa l-proċess jitkompla biex tingħaraf bħala beata u qaddisa. Hija kellha bżonn tieħu l-kimoterapija imma biex ma tagħmel l-ebda ħsara lit-tarbija li kienet ġejja, iddeċidiet flimkien ma' żewġha Carlo Morcellin li tħalli l-kimoterapija għal wara t-twelid.

It-tarbija, li semmewha Riccardo, twieldet b'saħħitha. Ommu kitbitlu ittra mimlija mħabba u tatha lil żewġha, biex jaqraha lit-tifel meta jikber u jkun jista' jifhem l-imħabba erojka u l-ġest kbir tagħha lejh. Fil-fatt, għalkemm qabel iżżewġet ma' Carlo kienet ġiet operata fl-istess sieq u dehret li fieqet għalkollox, issa deher li l-kanċer kien rebaħ! Fil-fatt mietet ftit wara t-twelid taż-żgħir, meta kien għad kellha 26 sena (fit-22 t'Ottubru 1995). Maria Cristina setgħet tasal sa hawn għax kienet mibnija tajjeb fil-ħajja Nisranija u spiritwali tagħha, mogħtija għalkollox bħala tfajla fil-ħajja parrokkjali u spiss ħafna l-kappillan kien isibha titlob f'adorazzjoni profonda lil Ġesù Sagramentat. Imbagħad kellha wkoll is-sapport kollu tal-maħbub tagħha (Carlo, veru maħbub); it-tnejn ingħataw biex irabbu 'l uliedhom kif għandu jkun.

Ekku għandna eżempju ieħor ta' omm li tippreferi għalkollox u fuq kollox il-ħajja tat-tarbija tagħha li tkun ġejja. L-istess bħalma kienet għamlet Santa Gianna Beretta Molla, li kienet ġiet dikjarata qaddisa mill-Papa San Ġwanni Pawlu II fl-2004.

Tagħlima kbira ħafna għalina lkoll li nibqgħu niddiskutu l-ħajja tat-tarbija qabel it-twelid fil-ġuf! Ninsew li hemm ħajja umana sa mill-ewwel mument tal-eżistenza tagħha fil-ġuf tal-omm.



FR PAUL BUGEJA OFMCap

# Sant'Ambroġ u ċ-Ċanga Milanese



Sant'Ambroġ twieled fi Treviri fil-Ġermanja fis-sena 340 WK. Il-familja tiegħu kienet Rumana li kkonvertiet għall-Kristjaneżmu. Fit-374 huwa nħatar isqof ta' Milan. Hekk kif sar isqof qassam ġidu u ddedika ruħu għall-ħarsien tal-erwieħ. Santu Wistin jaf il-konverżjoni tiegħu propju lil Sant'Ambroġ. Miet fis-sena 397 f'Milan. Huwa l-Patrun ta' Milan u patrun ta' dawk li jrabbu n-naħal, minħabba li jingħad li meta kien żgħir kienu daru għalih għadd kbir ta' naħal iżda ma għamlulu ebda ħsara.

Din ir-riċetta tissajjar speċjalment f'Milan għall-okkażjoni tal-festa ta' Sant'Ambroġ.

## Ingredjenti:



4 biċċiet ċanga (steaks)
50 gr panċetta
20 gr butir
ftit dqiq
nofs tazza nbid abjad
ftit klin (rosemarie)
melħ u bżar

## It-tisjir:

1. Ġo taġen poġġi l-butir u l-panċetta mqattgħa f'kubi żgħar, sajjar sakemm il-panċetta ma tiħmarx iżżejjed. Wara warrab ġo platt.
2. Għaddi l-laħam mid-dqiq u aqli f'taġen, miż-żewġ naħat, sakemm jiħmaru, filwaqt li titfa' l-melħ u l-bżar fuqhom.
3. Wara żid l-inbid abjad u ħallih itektek fuq nar bati għal madwar 40 minuta, filwaqt li titfa' l-klin.
4. Wara servi sħun u poġġi ftit panċetta fuq kull porzjon tal-laħam.

FR WISTIN ATTARD OFMCap



# Tisliba Nru 197



1. Qamet taqliba mhux żgħira. (Ġona 1, 4) (5)
2. X'għamilna lill-ixkejjer. (Ġen. 43, 21) (6)
3. Tan-nar dawn. (Lhud 1, 7) (5)
4. Mil-Libanu sa hawn. (Esd. 3, 7) (5)
5. Bħalma ***sofra*** missieri. (1 Slat. 2, 26) (4)
6. Iżjed minn ġust. (Żak. 8, 8) (5)
7. Hawn rajt ħwejjeġ li jwaħħxu. (Hos. 6, 10) (5)
8. ... se naqlagħlek l-inkwiet. (2 Sam. 12, 11) (5)
9. Dan jonfoħ fejn irid. (Ġw. 3, 8) (3)
10. Art ta' Żebulun u ta' hawn. (Mt. 4, 15 ) (7)
11 u 12. Hekk għamlu minn għajnejja. (Lam. 3, 48) (6)
13. Il-ġid tal-poplu ta' hawn. (Ġdt. 2, 23) (6)
14. Ma' din ta' Ġesù Kristu. (2 Tess. 2, 1) (5)
15. Sa dan tal-ktajjen. (2 Tim. 2, 9) (5)
16. Din kibret qisha rix ta' ajkla. (Dan. 4, 30) (5)
17. Minn Għatarot-... sa Betħoron. (Ġoż. 16, 5) (5)
18. Gostihom ***jidħku*** bikom. (2 Pt. 2, 13) (7)
19. Din tfisser 'il-Bidu'. (Apk. 21, 6) (4)
20. Hekk hu tal-ġid kollu. (Gal. 4, 1) (3)
21. Dan hekk jagħmel lill-bniedem. (Koħ. 6, 1) (5)
22. Blata mhix ħafifa. (Sir. 6, 21) (5)

**Soluzzjoni għal Tisliba #196**

1. Jibnu; 2. Ifirħu; 3. Ilsna; 4. Tazza; 5. Isir; 6. Dritt; 7. Isfel; 8. Assur; 9. Nar; 10. Nazaret; 11 u 12. Sultan; 13. Apollo; 14. Qabdu; 15. Xkora; 16. Ħażen; 17. Stess; 18. Attakka; 19. Tina; 20. Oħt; 21. Dinar; 22. Eħles.

Agendabookshop

# Aqta' min Nru 43

1. Il-Mulej sejjaħlu 'Ġedidija'. (2 Sam. 12, 25)
2. Kellu kuruna tad-deheb b'ħaġra tiswa ħafna. (2 Sam. 12, 30 – ara nota)
3. Tifla sabiħa, oħt Absalom. (2 Sam. 13, 1)
4. Alla tah għaxar tribujiet f'idejh. (1 Slat. 11, 31)
5. Telaq lil Alla biex jadura allat oħra. (1 Slat. 11, 31.33)
6. Ġerobogħam ħarab u mar għand dan. (1 Slat. 11, 40)
7. Ried joqtolhom kollha. (2 Slat. 6, 1)
8. Mar bis-suldati għas-Samarija. (2 Slat. 6, 24)
9. Din saret tiswa tmenin biċċa fidda. (2 Slat. 6, 25)
10. Alla bagħat lil dan il-profeta għand Reħobogħam. (2 Kron. 12, 5)
11. Dawn kienu dejjem jiġġieldu bejniethom. (2 Kron. 12, 15)
12. Sar sultan ta' Ġuda wara missieru. (2 Kron. 13, 1)

## Ir-rebbieħa tal-ħarġa ta' Novembru 2021

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn **AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED**. Ir-rebbieħa jittellgħu bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħ tal-Kompetizzjoni TISLIBA Nru 196 huwa RAYMOND FALZON – 30B, Sta Marija, Triq Santa Katarina, il-Gudja GDJ 1113. rebbieħa tal-Kompetizzjoni Nru 51 OĠĠETTI MILL-BIBBJA (II) hija MARIA GRIMA – Taj Mahal, 84, Triq Napuljun Caruana Dingli, il-Mellieħa MLH 1703. Nistiednu lir-rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

### 1. Borża ta' studju

sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

### 2. Ibagħtulna bolol tajbin jew użati

Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI**. Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€10.

### 3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti

tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv. Filwaqt li ngħidulkom grazzi nħeġġukom sabiex tkomplu tibagħtu dawn l-irċevuti u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni tagħna fil-Kenja.

### 4. BAZAAR b'risq il-missjoni

Minħbba l-kriżi li ħolqot l-imxija tal-COVID-19,, għal dawn l-aħħar sentejn il-bazaar li konna norganizzaw kull sena qrib il-Milied ma sarx. Lanqas din is-sena mhu ser isir. Imma minflok dan qed ikollna bħal mini bazaar miftuħ kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.30 ta' filgħodu u nofsinhar. Dan il-bazaar qed ikun fid-daħla tal-Uffiċċju tal-Missjoni biswit il-kunvent tal-Kapuċċini, fil-Furjana. Ilkoll inthom mistiedna sabiex tiġu, taraw u tixtru. B'hekk tkunu qed tgħinu lill-missjoni tagħna fil-Kenja.

### 5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta

sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. **OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK.** Għandna bżonn: Bormla, parti minn Birkirkara, Tas-Sliema, l-Imsida.

### 6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal

B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni - uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

### 7. Intenzjonijiet għall-quddies

Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

### 8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,

wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a **BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.**

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil: Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**



**BOV** KONT PROĠETT HOLA - IL-KENJA: MT04VALL220130000000 40019994646

**BOV** KONT DAWL FRANĠISKAN - MT02VALL220130000000 40021435175

**BOV** KONT SEGRETARJAT MISSJONI KAPUĊĊINI: MT22VALL220130000000 4001998299

*Nota importanti: Huwa ferm meħtieġ li lill-bank tagħtih ismek u kunjomok bl-indirizz tiegħek.*